# Leħen il-Parroċċa

## ta' Ħal Safi

Ħarġa No. 45 *Festa 2023*



# Leħen il-Parroċċa ta' Ħal Safi




*Ritratt tal-Faċċata:*

*Il-Pjazza tal-Knisja fil-Festa 2022*

**Bord Editorjali**

***President:***
Kappillan
Kan. Ivan Scicluna

***Edituri:***
Dorian Baldacchino
Tarcisio Barbara
Tony Bonnici

***Ritratti:***
Carl Farrugia
Matthew Caruana

***Indirizz:***
21, Triq Santa Marija,
Safi - SFI 1211
Tel: 21649223

**Issettjat u Stampat**
**Print Right Ltd. - Qormi**
**Tel:** 21250994
**Mob:** 99490344
**e-mail:**printright@onvol.net

# F'din il-Ħarġa

1. Editorjal
3. Messaġġ mill-Kappillan
7. Il-Kurrikulu L-Moħbi Tal-Parroċċa
10. Fuq l-Eżempju taż-Żewġ Fundaturi
13. Manutenzjoni li saret fil-Knisja 2022-2023
19. Rigal għall-Parroċċa
22. Il-Kuraġġ tiegħek hu l-ħeġġa tagħna
26. Esperjenza ġewwa l-Kosovo
29. L-Esperjenza tiegħi ġewwa l-Vatikan
32. Rendikont 2022
40. Ċelebrazzjonijiet tal-Festa
48. Prixxilla u Akwila - Koppja Dixxipli ta' Pawlu
51. Rikors tal-Bradella u l-Bankun tal-iStatwa ta' San Pawl
64. 25 sena mill-Innu Parroċċa Ħal Safija
69. 25 Mistoqsija fuq Pawlu
78. Mir-Reġistri tal-Parroċċa
80. Avviżi






Editorjal

*Dorian Baldacchino*

## L-425 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa tagħna

Din is-sena hija specjali għal parroċċa tagħna li fiha qed infakkru l-425 sena mit-twaqqif tal-parroċċa tagħna. Din il-ġrajja hija importanti ħafna għalina l-Ħalsafin għax infakkru r-rabta kbira li din il-parroċċa għandha ma' San Pawl, rabta li ma tinħalx.

Ħal Safi raħal ċkejken bi storja kbira. San Pawl appostlu tal-ġnus  magħżul sa mill-qedem bħala l-patrun ta' dan ir-raħal. Diffiċli biex insemmu lil Ħal Safi u ma nsemmux lil San Pawl. Din ir-rabta ta' Ħal Safi mal-patrun tiegħu tnislet u kbiret mal-medda taż-żmien. Il-mixja biex dan ir-raħal isir parroċċa ma kinitx waħda faċli. L-istorja ta' din il-ġrajja tmur għal żmien il-medju evu meta twaqqfu l-ewwel parroċċi fl-1436. Dak iż-żmien ir-raħal ta' Ħal Safi ġie maqgħud mal-parroċċa ta' Bir Miftuħ (illum magħruf bħala l-Gudja). Għalkemm f'ċertu Ħdud in-nies ta' Ħal Safi kienu jisimgħu l-quddies Ħal Safi stess fil-knisja ta' San Pawl jew fil-knisja ta' San Ġabku f'Ħal Kirkop. Imma funerali , preċett u ċertu sagramenti n-nies ta' Ħal Safi kellhom bil-fors imorru Bir Miftuħ. Fl-1575 il-poplu ta' Ħal Safi kien talab lil Mons. Pietro Dusina jaqtgħalhom ix-xewqa tagħhom u jaqgħadhom maż-Żurrieq. Sbatax-il sena wara din it-talba l-isqof Tomás Gargallo fired lil Ħal Safi, l-Imqabba u l-Ħal Kirkop minn Bir Miftuħ. Dawn it-tlett irħula ġew maqgħuda flimkien taħt il-parroċċa ġdida ta' Ħal Kirkop. Iżda il-Ħalsafin ma kienux kuntenti b'din id-deċiżjoni, b'hekk ma qatgħux qalbhom sabiex ix-xewqa tagħhom iseħħ realta`.

Sitt snin wara, fl-1598, il-Ħalsafin reġgħu resqu t-talba tagħhom quddiem l-isqof Gargallo sabiex ir-raħal għażiż tagħhom isir parroċċa. L-isqof qata' x-xewqa tagħhom u fit-13 t'April 1598 sar kuntratt quddiem in-nutar. Dan wassal għat-twelid tal-parroċċa taħt il-ħarsien tal-Appostlu missierna San Pawl. Għalkemm it-triq ma kinitx faċli biex tinqata' ix-xewqa tal-Ħalsafin, imma rieda u deterinazzjoni tagħhom waslet  biex il-ħolma tagħhom saret realta`. Mal-medda taż-żmien dan ir-raħal kompla jikber u rabta mal-patrun tiegħu kompliet tikber u tisaħħaħ.

Jekk inħarsu lejn din il-ġrajja storika tat-twelid ta' din il-parroċċa nistgħu nisiltu għadd ta' tagħlimiet marbuta ma' din il-ġrajja. L-ewwel tagħlima hija t-tama u

determinazzjoni li kellhom missirijietna biex għal tul ta' żmien baqgħu dejjem jissieltu biex il-ħolma tagħhom isir realta`. Din l-istess tama żammet din il-ħolma ħajja u qawwija fost il-Ħalsafin għax kif jgħid il-Malti t-tama l-aħħar li tmut. It-tama ta' raħal biex jikber u jkun awtonomu. Din it-tama baqgħet ħajja frott l-għaqda li kien hemm fost il-Ħalsafin. Dakinhar kienu nġabru flimkien biex setgħu jgħelbu kull ostaklu. Għalkemm il-mixja biex jaraw it-twelid ta' din il-parroċċa kienet waħda diffiċli, imma fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa. It-tifsira li raħal jsir parroċċa hija l-għaqda tal-abitanti bejniethom. Din l-għaqda waslet lil Ħalsafin jilħqu l-ħolm tagħhom anke jekk forsi seta' jidher diffiċli. Din l-għaqda ta' bejniethom waslet biex dan ir-raħal ċkejken maż-żmien kompla jikber u flimkien bnew tempju akbar lil San Pawl imżejjen b'ħafna rikkezzi. Dan kollu sar frott l-imħabba kbira li l-Ħalsafin għandhom għal din il-parroċċa li għalkemm ċkejkna imma b'qalbha kbira.

Nagħlaq billi l-ewwelnett inħeġġeġ lill-parruċċani kollha sabiex jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet kollha tal-festa, speċjalment f'dawk spiritwali li jagħtu l-propja identita` lil din il-festa. U nirringrazzja lil dawk kollha li qed jagħtu sehemhom f'dan il-fuljett u lil dawk li joffru minn ħinhom, minn saħħithom, u minn flushom biex iħejju festa xierqa f'ġieħ San Pawl.

Minn qalbi nixiteq nawgura l-festa t-tajba u qaddisa lil kulħadd!








Messaġġ mill-Kappillan *Kan. Ivan Scicluna*

## San Pawl dawl għalina

Sewwasew fit-triq ta' Damasku, fl-ewwel snin 30 tas-seklu u wara perjodu li fih kien ippersegwita lill-Knisja, seħħ il-mument deċiżiv tal-ħajja ta' Pawlu. Fuqu nkiteb ħafna u naturalment minn diversi perspettivi. Li hu żgur hu li hemm seħħet bidla, anzi taqliba sħiħa ta' perspettiva. Hemm, bla mistenni, hu beda jqis bħala "telf" u "knis" dak kollu li qabel kien għalih l-ogħla ideal, kważi r-raġuni tal-eżistenza tiegħu (ara Fil 3:7-8). X'kien ġara?

Dwar dan għandna żewġ xorta ta' għejun. L-ewwel xorta, l-aktar magħrufa, huma r-rakkonti mill-pinna ta' Luqa, li għal darba, tnejn, tlieta jirrakkonta l-ġrajja fl-Atti tal-Appostli (ara 9:1-19; 22:3-21; 26:4-23). Il-qarrej normali forsi hu ttentat jieqaf iżżejjed fuq xi dettalji, bħalma huma d-dawl mis-sema, il-waqgħa fl-art, il-leħen li jsejjaħ, il-kundizzjoni ġdida ta' għama, il-fejqan, kif ukoll il-qxur li jaqa' minn fuq l-għajnejn u s-sawma. Imma dawn id-dettalji kollha jeħduna għall-qalba tal-ġrajja: Kristu Rxoxt jidher bħala dawl kollu ġmiel u jkellem lil Sawl, jibdillu l-ħsieb tiegħu u l-istess ħajja tiegħu. Il-ġmiel tal-Irxoxt jagħmih: hekk tidher anki minn barra dik li kienet ir-realtà ġewwa fih, l-għama tiegħu għall-verità, għad-dawl li hu Kristu. U mbagħad l-"iva" definittiva tiegħu għal Kristu fil-magħmudija terġa' tiftaħ mill-ġdid lil għajnejh, tagħmlu jara tassew.

Fil-Knisja tal-qedem il-magħmudija kienet tissejjaħ ukoll "tidwil", għax dan is-sagrament jagħti d-dawl, jgħinna naraw tassew. F'Pawlu jseħħ anki fiżikament: imfejjaq mill-għama ġewwieni tiegħu, jibda jara sew. Għalhekk San Pawl ġie mibdul mhux minn xi ħsieb imma minn ġrajja, mill-preżenza irreżistibbli tal-Irxoxt, li minn wara dakinhar ma seta' qatt jiddubitaha tant kemm kienet qawwija l-evidenza tal-ġrajja, ta' din il-laqgħa. Din bidlet fundamentalment il-ħajja ta' Pawlu; f'dan is-sens nistgħu u għandna nitkellmu fuq konverżjoni. Din il-laqgħa hija l-qalba tar-rakkont ta' San Luqa.

It-tieni xorta ta' għajn fuq il-konverżjoni huma l-istess Ittri ta' San Pawl. Hu qatt ma tkellem fid-dettall dwar din il-ġrajja, naħseb għax seta' jissupponi li kulħadd kien jaf il-ġist ta' din l-istorja tiegħu, kulħadd kien jaf li minn persekutur kien ġie mibdul f'appostlu ħerqan ta' Kristu. U dan kien seħħ mhux wara riflessjoni tiegħu, imma

wara ġrajja qawwija, wara laqgħa tiegħu mal-Irxoxt. Imqar jekk ma jitkellimx dwar id-dettalji, hu jaċċenna kemm-il darba għal dan il-fatt importantissmu, li allura hu wkoll sar xhud tal-qawmien ta' Ġesù, li tiegħu rċieva minnufih minn Ġesù nnifsu r-rivelazzjoni, flimkien mal-missjoni t'appostlu. L-iktar test ċar fuq dan il-punt insibuh fir-rakkont tiegħu fuq dak li jagħmel iċ-ċentru tal-istorja tas-salvazzjoni: il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù u d-dehriet lix-xhieda (ara 1 Kor 15). Bi kliem ta' tradizzjoni mill-aktar antika, li hu wkoll irċieva mill-Knisja ta' Ġerusalemm, jgħid li Ġesù li miet mislub, ġie midfun, u qam mill-mewt, issa deher, wara l-qawmien tiegħu, l-ewwel lil Kefa, jiġifieri Pietru, wara lit-Tnax, imbagħad lil ħames mitt aħwa li fil-parti l-kbira tagħhom fi żmienu kienu għadhom ħajjin, imbagħad lil Ġakbu, u mbagħad lill-Appostli kollha. U ma' dan ir-rakkont li hu rċieva mit-tradizzjoni jżid: "Fl-aħħar deher lili wkoll wara kulħadd" (1 Kor 15:8). Hekk irid jurina li dan hu l-fundament tal-appostolat tiegħu u tal-ħajja ġdida tiegħu. Hemm ukoll testi oħra li fihom tidher l-istess ħaġa: "Permezz ta' Kristu aħna rċevejna l-grazzja tal-appostolat" (ara Rum 1:5); u mill-ġdid: "Ma rajtx lil Sidna Ġesù?" (1 Kor 9:1), kliem li bih hu jalludi għal ħaġa li kulħadd kien jaf. U fl-aħħar it-test l-aktar magħruf naqrawh f'Gal 1:15-17: "Imma meta Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus, minnufih, bla ma qgħadt infittex li nieħu parir mingħand bnedmin tad-demm u l-laħam, bla ma tlajt Ġerusalemm għand dawk li kienu appostli qabli, jiena mort fl-Għarabja, u mbagħad erġajt lura lejn Damasku". F'din l-"awtoapoloġija" jisħaq b'mod qawwi li anki hu huwa veru xhud tal-Irxoxt, għandu missjoni tiegħu li hu rċieva minnufih mingħand l-Irxoxt.

Hekk nistgħu naraw li ż-żewġ għejun, l-Atti tal-Appostli u l-Ittri ta' San Pawl, jiftiehmu u jaqblu fuq il-punt fundamentali: l-Irxoxt kellem lil Pawlu, sejjaħlu għall-appostolat, għamel minnu veru appostlu, xhud tal-qawmien, bil-missjoni speċifika li jxandar il-Vanġelu lill-pagani, lid-dinja Griega-Rumana. U fl-istess waqt Pawlu tgħallem li, minkejja l-immedjatezza tar-relazzjoni tiegħu mal-Irxoxt, hu kellu jidħol fil-komunjoni tal-Knisja, kellu jitgħammed, kellu jgħix f'sintonija mal-appostli l-oħra. Kien biss f'din il-komunjoni ma' kulħadd li hu seta' jkun veru appostlu, kif jikteb b'mod ċar fl-Ewwel Ittra lill-Korintin: "Imma sew huma u sew jien, dan aħna xandarna, u dan emmintu intom" (15:11). Hemm biss tħabbira waħda tal-Irxoxt, għax Kristu hu wieħed biss.

U jekk issa niġu għalina nfusna, nistaqsu dan x'inhu jgħidilna speċjalment f'dawn il-jiem ta' Festa? Ifisser li nsara nkunu biss jekk niltaqgħu ma' Kristu. Bla dubju hu ma jurix ruħu lilna b'dan il-mod irreżistibbli, imdawwal, kif għamel ma' Pawlu biex għamlu l-Appostlu tal-ġnus kollha. Imma aħna wkoll nistgħu niltaqgħu ma' Kristu, fil-qari tal-Iskrittura Mqaddsa, fit-talb, fil-ħajja liturġika tal-Knisja. Nistgħu mmissu l-qalb ta' Kristu u nħossu lilu jmiss il-qalb tagħna. Huwa biss f'din ir-relazzjoni personali ma' Kristu, huwa biss f'din il-laqgħa mal-Irxoxt li nsiru

tabilħaqq Insara. U hekk tinfetaħ quddiemna r-raġuni tagħna, jinfetaħ l-għerf kollu ta' Kristu u l-għana kollu tal-verità. Għalhekk ejjew nitolbu lill-Mulej idawwalna, biex jagħtina fid-dinja tagħna l-laqgħa mal-preżenza tiegħu: u hekk jagħtina fidi ħajja, qalb miftuħa, imħabba kbira għal kulħadd, li kapaċi ġġedded id-dinja bħal l-Appostlu Missierna San Pawl. Dan huwa l-awguri għal din il-Festa: li niġġeddu fil-fidi tagħna u bhal San Pawl indawlu fil-fidi lil ta' madwarna. Minn qalbi nixtieq lilkom u lill-familji tagħkom il-festa t-tajba. Viva l-Appostlu Missierna San Pawl.



***Infittxu lil Kristu... għax Kristu jfittixna***

*"Jien kuljum nistennik"*




# tower ironmongery





*suppliers of:*
Building Materials,
D.I.Y., Power Tools & Hand Tools,
Electrical & Plumbing, Water Heaters,
Grouting, Cement, Lime & Adhesive Products,
Drain Pipes & Fittings,
Galvanised Pipes & Fittings,
Aluminium Ladders, Curtain Rails, Rużuni,
Sanitary Fittings, Garden Tools,
Plastic Chairs & Tables,
Fans, Barbecues, Heaters,





# SIGMA PAINT DISPENSING SYSTEM



- An endless variety of colours to choose
- Available in three different sizes
- Interior & Exterior Paint
- Mixed while you wait



**Tower Street, Żurrieq ŻRQ 2360**
**Tel: 2164 0196**
**E-mail:** sales@towerirmongery.com






## Il-Kurrikulu L-Moħbi Tal-Parroċċa

*Rev. Tony Pace*

Niftakar darba f'Jum il-Premjazzjoni fi skola sekondarja fejn kont ngħallem, il-Kap tal-Iskola għamlet diskors li għadu impressjonat f'moħħi sal-lum. Quddiem sala tal-iskola mimlija studenti, għalliema, ġenituri, il-ministru tal-edukazzjoni u bosta uffiċjali edukattivi oħra, din il-Headmistress tkellmet dwar il-Kurrikulu l-Moħbi (the hidden curriculum) tal-iskola. "Tridu tkunu tafu kemm hi f'saħħitha l-iskola?" staqsiet il-Headmistress. "Tavżawniex li ġej il-ministru l-iskola, għax probabbli niżbgħu kull m'hawn, innaddfu sew u navżaw lil kulħadd biex iġib ruħu sew waqt iż-żjara!" Il-Headmistress issuġġeriet biex minflok, jiġu l-iskola bil-kwiet, mingħajr avviż, u jinnutaw l-istudenti kif iġibu ruħhom meta jmorru t-tojlit, fil-grawnd waqt il-brejk, kif jimxu minn klassi għall-oħra meta tinbidel il-lezzjoni, kif jitkellmu mal-għalliema u mal-istudenti sħabhom fil-kurituri! Dan jgħidulu l-kurrikulu l-moħbi tal-iskola. Huwa indikatur importantissmu meta niġu biex inkejlu s-saħħa vera tal-iskola!

Nistaqsi, hemm xi mod kif nistgħu nkejlu s-saħħa tal-parroċċa tagħna ta' Ħal Safi? Huwa eżerċizzju diffiċli, imma nistieden lil kull min għandu għal qalbu l-ġid spiritwali tal-komunità tagħna biex jagħmel dan l-eżerċizzju, billi juża l-metodu tal-Kurrikulu l-Moħbi!

Ejja qabel xejn ma ninjorawx il-Kurrikulu Formali tal-Parroċċa. Meta tagħti ħarsa ħafifa tara ħafna ħajja u saħħa fil-parroċċa tagħna. Biex nieħu ftit eżempji, kellna ċelebrazzjonijiet liturġiċi mill-isbaħ u b'attendenza tajba fil-Milied u fil-festi tal-Għid. Kellna festi kemm liturġiċi kif ukoll fuq barra, f'Awwissu 2022 u 25 ta' Jannar 2023 organizzati mill-aħjar bis-sehem ta' voluntiera ġenerużi u mimlija enerġija u mħabba għall-knisja u għar-raħal. It-tagħlim tad-Duttrina jsir b'mod regolari u b'dedikazzjoni.

Fi Frar kellna Assemblea Parrokkjali fejn spikka sehem tassew qawwi minn bosta parruċċani ġejjin minn kull qasam tal-komunità. Għall-grazzja t'Alla wara l-Covid l-attentenza għall-quddies qiegħda dejjem tiżdied. Grupp relattivament ġdid fil-parroċċa tagħna, in-9AM qiegħed jagħti ħajja u kulur lil diversi ċelebrazzjonijiet, l-iktar, imma mhux biss il-quddiesa tal-Ħadd tad-9a.m., biex il-quddiesa qiegħda

tkun waħda parteċipattiva u ħajja. Dawn u bosta inizjattivi oħra għandhom jimlewna bil-kuraġġ.

Imma, biex ikollna komunità spiritwalment f'saħħitha, irridu neżaminaw ukoll il-Kurrikulu l-Moħbi, dak li ma tantx jidher. Dan il-Kurrikulu l-Moħbi jiffoka fuq l-imġiba tagħna fid-djar u l-familji, fuq il-postijiet tax-xogħol, fit-toroq, fil-ħwienet u l-każini tagħna, fil-postijiet tad-divertiment, fil-klassijiet tal-iskola. F'dawn il-postijiet kollha, mhuwiex is-saċerdot li jorganizza u jmexxi, imma il-kontroll assolut qiegħed għand kull wieħed u waħda minna.

Nistedinkom għalhekk tagħmlu dan l-eżami ħafif tal-kuxjenza u tieħdu nota tar-risposti tagħkom f'qalbkom.

- Lit-tfal u liż-żgħażagħ tagħna, qegħdin niggwidawhom u fejn hemm bżonn nikkoreġuhom, bl-imħabba u bil-kortesija?
- Il-familjari li jieħdu ħsieb l-anzjani tagħna, qed jagħmlu dan b'biżżejjed paċenzja u imħabba, biex l-anzjani ma jħossuhomx piż fuq l-ulied?
- Aħna xejn pronti li niġġudikaw u nikkundannaw?
- Il-persuni ta' nazzjonalità barranija, li hawn jgħixu fostna, qegħdin narawhom bħala riżorsa, jew theddida? Inħarsu lejhom mil-lenti tal-opra tal-ħniena 'Ilqa' lill-frustier'?
- Uliedna kif qed jikkomunikaw magħna l-kbar u bejniethom, b'modi virtwali, bil-mowbajls biss, jew b'komunikazzjoni reali wkoll?
- Madwar l-inħawi kollha tar-raħal, għadna nisimgħu dagħa b'Alla, bil-Madonna u l-qaddisin?
- Lill-mexxejja tagħna, kemm reliġjużi kif ukoll ċivili, nittrattawhom bir-rispett? Lesti li nagħtuhom feedback ġenwin ras imb'ras jew inkunu pronti infajru u nweġġgħu bl-addoċċ fuq il-Facebook?
- Meta uliedna jiġu d-dar u jgħidulna li l-għalliema ikkoreġiet xi imġiba tagħhom, neħduha kontra l-għalliema jew inwissu lit-tfal?
- Matul il-ġimgħa nsibu ħin għal xi viżta fil-Kappella tal-Adorazzjoni, għall-quddiesa, jew talb ieħor?

- Qegħdin naħdmu biex minn ġewwa raħalna noħolqu ambjent fertili fejn il-vokazzjonijiet saċerdotali, reliġjużi, lajċi impenjati, u ta' żwieġ nisrani jistgħu jiffjorixxu?

- Fil-politika qegħdin niddjalogaw bejnietna jew għadna tribali, 'aħna' u 'huma'?

- Meta xi ħadd jonqosna, insibuha xejn bi tqila biex naħfru u ninsew, jew pjuttost inżommu s-sentimenti negattivi f'qalbna?

- Qegħdin nersqu iktar spiss lejn is-sagramenti, jew huwa veru illi l-qrar qiegħed jonqos u t-tqarbin jiżdied?

- Is-servizzi li nagħtu fil-knisja, fl-għaqdiet, fil-każini, fil-banda, fil-Mużew, fil-Kor, qegħdin nagħtuhom b'intenzjoni retta, għall-glorja t'Alla, jew nieħdu għalina mal-inqas osservazzjoni li jagħmlulna?

Hemm iktar x'wieħed jeżamina, imma dan inħallih għal kull wieħed u waħda minnkom. Għall-festa ipprova sib imqar aspett wieħed tal-Kurrikulu l-Moħbi u aħdem fuqu matul ix-xhur li ġejjin. B'hekk, il-festa tkun ħalliet il-ġid spiritwali, li huwa tant mixtieq!









## Fuq l-Eżempju taż-Żewġ Fundaturi

*Superjur Andrew Barbara - Museum Subien*



Għeżież, il-paċi magħkom.

Kemm ħadt pjaċir nisma' u nitkellem ma' dawk li attendew il-Ġimgħa ta' Tagħlim li saret ftit ġimgħat ilu, ġewwa Ħal Safi. Hija ġimgħa li fiha jsiru laqgħat għall-adulti dwar suġġett partikolari fil-ħajja nisranija tagħna. Din is-sena s-suġġett kien il-Bibbja. B'mod partikolari, qabel jew wara l-laqgħat ħadt pjaċir nisma' rakkonti minn dawk preżenti dwar meta San Ġorġ Preca kien iżur Ħal Safi, kif jiftakruh u x'kien jagħmel.

In-nies dejjem żammitu bħala l-fundatur tas-Soċjetà tal-Museum. Għalkemm hu, biex jumilja ruħu, kien jgħid li mhux hu l-fundatur iżda San Pawl. U r-raġuni li kien jagħti kienet minħabba li hu kien ispirat li jwaqqaf is-Soċjetà permezz ta' vers mit-tieni ittra li San Pawl kiteb lil Timotju fejn jgħid: "...u kulma smajt mingħandi quddiem ħafna xhieda, għaddih lil nies ta' fiduċja, li huma stess ikollhom il-ħila jgħallmuh ukoll lil oħrajn." (2Tim 2:2)

Ejjew nagħtu ħarsa lejn aspetti minn ħajjithom u ħidmiethom.

**It-Tagħlim**

It-tnejn li huma ħabbew it-tagħlim. Tgħallmu huma u dak li tgħallmu ma' żammewhx għalihom għax ''It-tagħlim tajjeb hu l-għajn ta' kull ġid" kiteb darba Dun Ġorġ. Fir-realtà huma mhux tgħallmu biss imma ħasbu u staqsew dwar dak li tgħallmu u hekk assimilawh f'ħajjithom u kibru fil-qdusija.

**Sejħa għall-qdusija**

It-tnejn li huma emmnu li kull bniedem hu maħluq u msejjaħ biex isir qaddis. Għalhekk stinkaw biex waqqfu komunitajiet ta' nsara bi twemmin sod. San Pawl, wara li kien ixandar u jfiehem it-tagħlim ta' Ġesù kien iħalli mexxejja tajbin

floku biex dawn jibqgħu jsostu lill-komunità fit-triq tal-qdusija. Hu minn naħa tiegħu kien jibqa' f'kuntatt permezz ta' żjajjar u l-ittri li kien jikteb. Dun Ġorġ għamel xi ħaġa simili. Hu wkoll waqqaf komunitajiet żgħar f'kull parroċċa biex iservu ta' dawl u tama fil-fidi għal dak il-lokal. Iż-żjajjar minn żmien għall-ieħor flimkien mall-ittri li kiteb kemm lill-membri tal-Museum kif ukoll lill-persuni individwali kienu jservu ta' sosten fil-fidi u t-tama.



**Ġesù**

It-tnejn li huma ħabbew ħafna 'l Ġesù. Kien għalhekk li stinkaw kemm felħu biex jarawh magħruf u maħbub mill-oħrajn. "Min iħobb 'l Alla mhux lest li jħobbu waħdu." Kien jgħid Dun Ġorġ. It-tnejn li huma taw l-enerġija kollha tagħhom għalih. San Pawl dar id-dinja magħrufa ta' żmienu, bil-limitazzjonijiet u d-diffikultajiet kollha, jgħallem u jwassal lil Ġesù għand 'l oħrajn. Sa ħajtu stess ta. Dun Ġorġ minn naħa l-oħra dar Malta u Għawdex kollha, wkoll bil-limitazzjonijiet ta' żmienu jwassal lil Ġesù. Dun Ġorġ ma mietx martri, imma miet jaqra l-Kelma t'Alla.

**U jiena?**

Illum hawn jien u inti. Nistaqsi lili nnifsi, kemm qed nistinka biex insir naf aktar dwar it-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja? Kemm qed naħseb dwaru u nistaqsi fejn ma nkunx fhimt sabiex it-tagħlim jinbidel f'għemil ta' qdusija? Nemmen li lili Alla ħalaqni biex insir qaddis? Infittex li nsostni l-fidi tiegħi permezz tal-komunità li ngħix fiha? Kemm qed inħobbu 'l Ġesù?

**Illum**

Illum se nerġa' mmur il-Museum biex flimkien mal-membri, t-tfal u l-adolexxenti nkomplu nikbru flimkien fl-imħabba tagħna lejn Ġesù, lejn l-oħrajn u allura fil-qdusija. Illum ukoll ninkuraġġikom biex flimkien miegħi temmnu li hemm ħafna tajjeb u sabiħ fit-tfal u l-adolexxenti ta' din il-Parroċċa. Dan joffri tama għall-quddiem... dejjem jekk aħna l-kbar nibqgħu nibnu ħajjitna fuq is-sod u dak li jibqa'. Hekk nkunu ta' sapport u sosten għal dawk li għadhom qed jikbru, konxji mill-fatt li dawn jiddependu minna l-kbar.

Nawgura minn qalbi festa tajba u qaddisa lil kulħadd.

Il-paċi magħkom

## Cassar Florist
## & Bargain Shop
(Taz-Zizzu)

*For your: Wedding Flowers,*
*Holy Communion,*
*Head-dresses, Engagement*
*Parties, Funerals, Wedding*
*Invitations, Souvenirs, Tulle*
*& Accessories for all occasions.*

**Triq G. Mattew Callus, Żurrieq**
**Tel. Shop: 2164 0501**
**Mob: 9946 7457, 9989 7385**



**EURO Caterers**

**Sales and Contract Hire of Slush Machines.**

Testaferrata Street, Żurrieq
Tel/Fax: (00356) 2164 2647
E-mail: tempOO@nextgen.net.mt
Contact Person: Mario Attard




# Manutenzjoni li saret fil-Knisja 2022-2023

Matul is-sena ssir ħafna ħidma ta' manutenzjoni fil-Knisja u fil-propjetà tagħha. Ħafna minn dan ix-xogħol huwa possibli grazzi għad-donazzjonijiet tagħkom flimkien mal-ħidma ta' voluntiera li jagħmlu dan ix-xogħol b'xejn jew jiddedikaw ħin jiġbru l-flus għal dawn il-proġetti, b'għaqal, sagrifiċċju u b'kuraġġ. Għall-ewwel darba qed inwasslilkom bil-kitba rendikont dettaljat ta' dak li twettaq f'dak li għandu x'jaqsam ma' manutenzjoni u proġetti ġodda li saru kemm fil-knisja parrokkjali, kif ukoll fi proprjetajiet oħra tal-parroċċa tagħna mill-festa tas-sena l-oħra sa issa.

## Il-Knisja Parrokkjali

- **Manutenzjoni tal-bjut prinċipali tal-knisja**

  Fil-bidu ta' Ottubru, il-bjut prinċipali reġa' sarilhom xi manutenzjoni u taħlib. Dan ix-xogħol sar mis-Sur Pawlu Busuttil b'mod volontarju, fejn hu stess għamel tajjeb għall-ispejjeż.

- **Manutenzjoni tal-arbli tal-Knsija**

  Matul din is-sena dawn l-arbli tniżżlu minn posthom u ġew irranġati b'mod volontarju mis-Sur Pawlu Busuttil. Grazzi liż-żgħażagħ tal-grupp tal-armar li ħadu ħsieb ipoġġu mill-ġdid dawn l-arbli f'posthom.

- **Manutenzjoni tal-bibien kollha tal-knisja**

  Fix-xhur ta' Mejju u Ġunju ingħatat dawra sewwa lill-bibien kollha tal-knisja, fejn ix-xogħol tal-brix u l-verniċ sar mis-Sur Joseph u ġie jiswa € 1550. *(Ara ritratt no. 1)*

- **Manutenzjoni tal-bieb tal-Garaxx taċ-ċentru**

  Fil-bidu ta' Lulju is-Sur Joseph ta dawra sewwa l-bieb tal-Garaxx taċ-Ċentru. Ix-xogħol kien jinvolvi brix tal-injam u verniċ. Dan ix-xogħol għadu jrid jitħallas.

- **Muftieħ ġdid u ġiet irranġġata ċ-ċavetta tat-tabernaklu**

  Is-Sur Joseph (Peppi) Piscopo minn San Lawrenz, Għawdex, tqabbad jaħdem muftieħ ġdid għall-gwardarobba fil-knisja, kif ukoll jirranġa ċ-ċavetta tat-tabernaklu.  L-ispiża kienet ta' € 50.

- **Manutenzjoni tal-Arloġġ tal-Knisja**

  Matul din is-sena is-Sur Stephen Zammit ġie għal aktar minn darba sabiex jagħmel manutenzjoni fuq l-arloġġ li kellu xi ħsarat u ġew mibdula xi affarijiet fl-apparta eletroniku  L-ispiża kienet ta' €165.

- **Tindif tal-artali**

  Matul din is-sena is-Sur Anthony Busuttil (Ta' Kaspan) naddaf l-artali kollha tal-Knisja inkluż l-artal maġġur. Dan ix-xogħol sar b'mod volontarju. Jonqos biss żewġ artali li għandhom ħsara fl-irħam u dan irid jinbidel. Dawn huma l-artal ta' San Pietru u dak tal-Madonna tal-Grazzja. *(Ara ritratt no. 2)*

- **Restawr tal-Knisja minn Barra**

  Ser jitwaqqaf kumitat sabiex jibda jieħu ħsieb ir-restawr tal-Knisja minn barra ħalli kif ikun lest dan ix-xogħol nibdew ix-xogħol minn ġewwa. Diġa hemm rapport tal-Perit Amanda De Giovanni. Saret laqgħa mal-Perit u ser issir l-applikazzjoni għall-permessi ħalli meta jkun hawn xi fondi disponibbli għal dan ix-xogħol inkunu nistgħu napplikaw.

- **Installazjoni ta' Sistema Kompjuterizzata għad-Daqq tal-Qniepen tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Safi**

  Dan il-proġett tlesta u issa qed jaħdem. Għal dan il-proġett il-Knisja kienet kisbet € 8000 bħala fondi mill-Ministeru tal-Kultura. Dan il-proġett ġie jiswa b'kollox €11,281.98 (inkluż il-Vat). Il-Parroċċa ħarget għal dan il-proġett €3281.98. Il-Parroċċa ħarġet ukoll l-ispejjeż tal-instalazzjoni u l-affarijiet li kien hemm għall-instalazzjoni ta' dan il-proġett li ġew jammontaw € 4948. Grazzi lil dawk li taw għajnuna b'mod volontarju waqt l-installazzjoni ta' dan il-proġett. *(Ara ritratt no. 3)*

- **Leġiju ġdid tal-fidda**

  Wara l-festa tas-sena l-oħra ġie propost sabiex jinħadem leġiju ġdid tal-fidda għal fuq l-artal fiż-żmien tal-Festa b'hekk is-sett tal-fidda li bih ikun armat l-artal maġġur tal-Knisja ikun komplet. Dan il-proġett ġie approvat fil-Kunsill Pastorali Parrokkajli, kif ukoll fil-Kunsill Ekonomiku tal-Knisja. Wara l-approvazzjoni ta' dan il-proġett inġabru tliett stimi u ġie mibgħut rikors il-Kurja. Meta dan il-proġett ġie approvat ġie avviċinat Mr Joe Cavalazzi f'isem

Marindex Ltd (Gold Lady Silversmiths) li ġew affdati sabiex jaħdmu l-leġiju tal-fidda u jagħmluh l-istess bħal dak tal-injam li kien jintuża sa issa. Dan ix-xogħol tlesta u tħallas kollu grazzi għad-donazzjoni tal-parruċċani matul is-sena. Huwa ġie jiswa €10,620 (inkluż VAT). *(Ara ritratt no. 4)*

- **Damask canavazzo d'oro – Aħmar**

  Inxtara drapp canavazzo d'oro ta' lewn aħmar mal-gallun għalih mingħand Ivan Scerri Art Studio sabiex minnu nħietu dan il-canvazzo d'oro u jieħu post id-damask ta' wara l-artal maġġur b'hekk il-kor kollu jkun bil-canavazzo d'oro. Dan id-drapp għadu jrid jitħallas. Is-Sinjura Tessie Magri offriet li tieħu ħsieb il-ħjata b'mod volontarju. *(Ara ritratt no. 5)*

- **Covers Ġodda**

  Matul din is-sena ġew maħduma covers ġodda għall-frames tal-ventartali kollha li ġew restawrati s-sena l-oħra. Dan ix-xogħol sar b'mod volontarju mis-sinjura Tessie Magri

- **Fannijiet Ġodda**

  Fil-bidu ta' Ġunju inxtraw xi fannijiet ġodda għall-knisja u ġew irranġati dawk kollha li kien hemm xi ħsara fihom. L-ispiża kienet ta' € 280.

- **L-Abbozz tal-Istatwa titulari ta' San Pawl restawrat**

  L-abbozz ittieħed għand l-Atelier del Restauro, nhar l-14 ta' Frar biex jinbeda l-proċess ta' konservazzjoni u r-restawr meħtieġ fuq din ix-xbieha. Dan kien lest fil-bidu ta' Diċembru u ġie mqiegħed fin-niċċa li hemm apposta għalih fis-sagristija. L-ispiża kienet ta' € 1784.16.

- **Xiri ta' Apparat ġdid tas-sound għall-purcissjonijiet**

  Inxtara apparat ġdid tas-sound (Bose SI Pro with Battery) sabiex jiġi użat waqt id-diversi purċissjonijiet li joħorġu mill-parroċċa. L-Ispiża kienet ta' € 676 *(Ara ritratt no. 6)*

- **Camera ġdida fejn l-orgni**

  Ġiet mibdula l-camera li hemm fejn l-orgni u li tintuża mill-kor sabiex meta jkunu qed ikantaw jaraw dak li jkun qed jiġri fuq l-artal. Genaudio ħadu ħsieb dan ix-xogħol u l-ispiża kienet ta' € 259.60

- **Statwa żgħira ta' San Pawl**

  Din is-sena nħass il-bżonn li ssir statwa żgħira ta' San Pawl għall-purċissjoni tat-tfal fil-Ġimgħa tal-Festa. Ġie avviċinat l-istatwarju Manuel Buhagiar għal dan

ix-xogħol. L-ispiża ta' din l-istatwa hija stmata li tkun €2,124 (tinkludi l-VAT). Dan il-proġett se jkun possibbli permezz tal-fondi tal-M.T.A. Is-Sindku u segretarju Eżekuttiv iffirmaw ftehim mal-M.T.A li permezz tiegħu se nkunu qed nibbenefikaw il-maġġoranza tal-ispejjeż għal din l-istatwa. Dan ix-xogħol huwa fi stadju avvanzat u l-ħsieb huwa li l-istatwa tintuża din is-sena. Ħajr lill-Kunsill Lokali tal-appoġġ tagħhom. Ħajr ukoll lill-kumpanija AB Imports li ser tieħu ħsieb it-trasport tal-istatwa minn Għawdex għal Malta mingħajr ħlas. *(Ara ritratt no. 7)*

## Id-Dar Parrokkjali u l-Uffiċċju Parrokkjali

- **Manutenzjoni ta' CCTV cameras**

  Matul din is-sena sar upgrading tas-sistema tac-CCTV cameras installata fid-dar Parrokkjali li tkopri d-dar Parrokkjali, il-Knisja u l-Kappella ta' Santa Marija. Ix-xogħol sar minn All security systems għas-somma ta' € 530.

- **Manutenzjoni tar-reġistri**

  Kompliet il-manutenzjoni tar-reġistri tal-parroċċa sabiex dawn ikunu aktar aċċessibli għal dawk li jixtiequ jagħmlu xi riċerka.

## Iċ-Ċentru Parrokkjali

- **Tiswija ta' ħsarat ta' Vit u Kanen tal-Ilma**

  Wara rapport mill-Arms rigward konsum ta' ilma żejjed f'April ta' din is-sena ġiet irranġata l-ħsara li kienet il-kawża tat-telfien tal-ilma mis-Sur Ġużi Bondin.

- **Manutenzjoni tal-bitħa taċ-Ċentru**

  Il-perit tal-public works flimkien mal-ħaddiema ġew aktar minn darba sabiex jagħmlu pjanta ħalli dan iċ-ċentru jiġi rranġat. Din il-pjanta saret u qed nistennew il-permess mill-awtorita' tal-ippjanar sabiex jibda x-xogħol ħalli tiġi rranġata il-bitħa taċ-ċentru parrokkjali mill-ħaddiema tal-public works. Ħajr lil Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi.

## Iċ-Ċimiterju

- **Tiswija u bdil tal-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra**

  Fil-bidu ta' Novembru 2022, il-Kappillan ħa ħsieb it-tiswija u l-bdil tal-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra.

1





2







- **Siġar miżbura**

  Bil-għajnuna tal-Kunsill Lokali ġew miżbura is-siġar il-kbar taċ-ċimiterju. Grazzi lil Kunsill Lokali.

Bħal dejjem qatt ma tkun lest u għalhekk matul is-sena li ġejja rridu nkomplu nħarsu 'l quddiem, sew biex inlestu xi proġetti fosthom ir-restawr tal-Knisja minn barra il-bjut, l-aperturi (it-twieqi tal-koppla u tal-knisja), il-ħitan b'uħud mill-fili tagħhom li qed jinfetħu, u ġebel li jrid jinbidel. Għal dan il-proġett ser jitwaqqaf kumitat apposta. Wara nkunu nistgħu nibdew nduru il-Knisja minn ġewwa. Hekk kif tgħaddi l-Festa nibdew bir-restawr tal-pulptu. Ħafna minn dan kollu jiddependi mill-ġenerożità tagħkom, li mhux biss tidher fid-donazzjonijiet finanzjarji, imma wkoll fid-disponibiltà għall-għajnuna volontarja li tingħata.

Nirringrazzja mill-qalb lil dawk kollha li b'ġenerożita' u sagrifiċċju jwettqu tant xogħol li ta' kuljum jagħmluh b'tant dedikazzjoni mingħajr ħafna daqq ta' trombi: il-ftuħ u l-għeluq tal-knisja, tal-kappella tal-adorazzjoni, u taċ-ċimiterju, il-ħasil tal-knisja parrokkjali u tal-knisja ta' Santa Marija, u t-tindif taċ-Ċentru u ċ-ċimiterju, id-daqq tal-qniepen, l-arranġamenti tal-fjuri, flimkien mal-armar għad-diversi ċelebrazzjoniet li jsiru. Grazzi tal-imħabba kbira li turu lejn il-Knisja. Napprezzaw aktar għajnuna, u nappella biex kull min jista' jagħti mqar l-iċken sehem, ma joqgħodx lura imma ma jibżax jersaq ħa jagħti sehmu.

GRAZZI KBIRA LILL-VOLUNTIERA U LILL-BENEFATTURI KOLLHA.



# Rigal għall-Parroċċa

Il-familjari ta' Dun Karm Żammit irregalaw lill-parroċċa tagħna il-kalċi u l-patena li kien juza' Dun Karm waqt il-quddies ta' kuljum. Ġanni Żammit offra li jirrestawrha dawn l-oġġetti sagri qabel offrihom lil parroċċa. Meta kien għadu ħaj Dun Karm kien irregala il-kalċi tal-prima messa lill-parroċċa xi snin ilu.

Dun Karm Żammit kien saċerdot minn Ħal Safi li ħalla din id-dinja s-sena l-oħra.





3







4









5




6



7

MUSEUM Bniet Ħal Safi

## Il-Kuraġġ tiegħek hu l-ħeġġa tagħna

*Superjura Grace D'Amato - Museum Bniet*




Meta wieħed iħares lejn il-ħajja ta' San Pawl, jammira fih kemm kien bniedem f'postu u jaf xi jrid. Kien bniedem intelliġenti li qatt ma ħalla l-biża' jwaqqfu milli jgħix dak li jemmen fih. Kellu sens kbir ta' kuraġġ fl-għażliet li jagħmel u quddiem it-theddid u tfixkil li kellu jiffaċċja, ma ċediex, ma nġarrx mal-kurrent u biex jgħix il-ħajja nisranija tiegħu, ħa ħsieb li l-ħarsa tiegħu tibqa' dejjem fuq dik ta' Ġesù. Din mhux biss żammitu f'postu imma tagħtu l-libertà filwaqt li għenitu biex il-ħażin qatt ma jsir l-għażla naturali tiegħu.

Kien l-Evanġelu li biddel lil Pawlu minn Lhudi mħeġġeġ, u għamel minnu Nisrani awtentiku, missjunarju u appostlu mimli entużjażmu, xhud profetiku u kurraġġuż tal-Imgħallem Ġesù. Il-bidla li sseħħ f'Pawlu hija radikali: il-kuntatt tiegħu ma' Kristu għamel minnu ħlejqa ġdida, kif jistqarr hu stess: "Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir ħolqien ġdid;" (2 Kor 5: 17). Fejn qabel il-Liġi ta' Mosè kienet il-ftaħir ta' Pawlu, wara l-esperjenza fit-triq ta' Damasku, Pawlu kellu jistqarr ukoll: "Ngħid għalija ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu, li bih id-dinja hi msallba għalija u jien għad-dinja" (Gal 6: 14). Fil-ġrajja li sseħħ fit-triq ta' Damasku, Pawlu jara l-milja tal-eżistenza tiegħu. Hu proprju f'din l-imħabba ta' Kristu li għandna ċ-ċavetta biex nifhmu dil-ġrajja li għamlet minn Pawlu appostlu mħeġġeġ li ħabb lil Kristu b'qalbu kollha u bil-qawwa tiegħu kollha.



Pawlu, qatt ma nesa li hu ta' Ġesu' għax hu dejjem fehem li "x'jiswielu l-bniedem li jikseb id-dinja kollha u mbagħad jintilef jew jinqered?" (Lq 9,25). Bħala nisrani, Pawlu




twaħħad ma' Kristu b'mod sħiħ. F'qalbu dejjem żamm il-Kelma ta' Alla li kienet tinħass fi kliemu, fl-istil ta' ħajja li kien jgħix u fix-xhieda li kien iwassal. Il-ferħ tiegħu kien li jressaq oħrajn għand Ġesù u jkunu nsara. Kien mimli ħeġġa u eżemplari fil-qadi ta' dmirijietu u kien bniedem ta' prinċipju, fehem tajjeb ħafna li "min jisma' kliemi u ma jagħmilx dak li ngħid jien, jixbaħ lil wieħed li jkun bena daru fuq l-art mingħajr ma qiegħed sisien. Il-wied niżel b'qawwa kbira għal fuqha u minnufih iġġarrfet u saret ħerba kbira minn dik id-dar!" (Lq 6, 49)

Minkejja li llum għaddew is-sekli, il-ħajja ta' dan il-qaddis martri hija ta' kuraġġ għalina kif aħna llum għandna ukoll nagħtu sens lill-ħajja tagħna fl-għażliet li nagħmlu bħala nsara. Biex il-festa tkun tassew mument ta' grazzja ejjew inħallu dan il-mudell ta' xhieda jkellimna għax kif jgħidilna l-Papa Franġisku: "Il-Qaddisin huma ġawhar prezzjuż; huma dejjem ħajja u attwali, ma jitilfu qatt il-valur tagħhom, għax huma bħal kummentarju affaxxinanti tal-Vanġelju."

Il-festa' ta' din is-sena biex tilħaq l-iskop tagħha trid tqanqal fina riflessjoni dwar kif aħna llum fuq l-eżempju tal-qaddis patrun tagħna se nippruvaw inkunu aktar qaddisin għax din hija sejħa tagħna bħala mgħammdin. Li tkun qaddis illum tidher xi ħaġa stramba u forsi ukoll impossibbli, għalhekk wieħed jistaqsi u jgħid: Kif se nsir qaddis? Fl-Eżortazzjoni Appostolika Gaudete et Exsultate dwar is-sejħa għall-qdusija fid-dinja tal-lum, il-Papa Franġisku jgħidilna kif dan jista' jseħħ f'ħajjitna: "Ħalli l-grazzja tal-Magħmudija tiegħek tħalli l-frott tagħha f'mixja ta' qdusija. Agħmel li kollox f'ħajtek ikun miftuħ għal Alla u għalhekk agħżel lilu, agħżel dejjem mill-ġdid lil Alla. Taqtax qalbek, għax inti għandek il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu biex dan jagħmlu possibbli u l-qdusija, fl-aħħar mill-aħħar, hi frott tal-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tiegħek. Meta tħoss it-tentazzjoni li tingħalaq fid-dgħjufija tiegħek, erfa' ħarstek lejn il-Kurċifiss u għidlu: 'Mulej, jien imsejken imma int tista' twettaq il-miraklu li tagħmilni aħjar'. Fil-Knisja, qaddisa u magħmula mill-midinbin, se ssib dak kollu li teħtieġ biex tikber lejn il-qdusija."

F'din il-festa ejjew nifirħu għaliex, bħala nsara, f'San Pawl għandna mudell sabiħ li nistgħu nħarsu lejh biex nagħmlu bħalu – mudell ta' raġel bilgħaqal u ta' nisrani konvint. Ix-xhieda ta' fidi li ħaddan u stqarr u li wasslitu biex xerred demmu għaliha hi ta' ammirazzjoni għalina biex ma nħallux il-biża u l-qtigħ il-qalb imexxuna għax il-kuraġġ tiegħek hu l-ħeġġa tagħna.

Il-paċi magħkom u l-festa t-tajba lil kulħadd!


FAST, RELIABLE & AFFORDABLE
★ Construction Works
★ Concrete and Form Works
★ Stamped and Sprayed Concrete Paving
★ Warehouse and Garage Concrete Floor Screeds
★ Installation of Earth Electrode
★ Hire of Plant and Machinery
★ Refurbishing of Pavements
★ Road Patching Work
★ Laying of Waterproofing Membrane
J.&K. Contractors Ltd.
102, Triq il-Hammieri, Qormi QRM 1505
TEL: 21447805
MOB: 99494813 / 99479186
EMAIL: jandkcontractorslimited@gmail.com


PARADISE
WINES & SPIRITS
Tal-Paradise
CASH & CARRY
Wholesalers of Wines, Spirits and Soft Drinks
Supplier for Gas Cylinders
20, Triq L-iSkola, Ħal Safi
Tel: 21682125 • Mob: 99269375 • e-mail: paradise_nick@hotmail.com

# G. CAMILLERI

PETROL STATION

Valletta Road, Żurrieq

Tel: 2164 7235 ~ 2164 1647 Fax: 2164 1647




## CAR WASH

- Car Servicing
- Wheel Balancing
- Car Accessories
- Crash Helmets
- Puncture Repairs
- Car Batteries
- Oils & Filters
- Mountain Bikes
- Power Tools
- Free Balancing with Alloy Wheels
- Car Batteries with 3 Years Guarantee

*Jawgura l-Festa t-tajba lill-Ħalsafin kollha.*






## Esperjenza ġewwa l-Kosovo

*Daniel Bonnici u Charmaine Farrugia*





Il-Volontarjat hu sabiħ immens. Is-sodisfazzjon li tirċievi meta tagħti jew tagħmel azzjoni tajba ma' ħaddieħor ma tistax tfissirha bil-kliem. Għal darba oħra dan is-sajf, għamilna esperjenza oħra ġewwa Kosovo. Għalina sar appuntament annwali, però kull esperjenza dejjem tkun differenti minn oħra. L-emozzjonijiet, il-ferħ u s-sodisfazzjon huma xi ħaġa li aħna nirrakkomandaw li kulħadd għandu xi darba jipprova.

Il-preparazzjonijiet jibdew mill-bidu tas-sena, billi noħorġu sejħa għal voluntiera ġodda. Wara li jingħaqad il-grupp nibdew nippjanaw programm għal kull ġurnata li nkunu ħa nagħmlu ma' dawn it-tfal, ta' attivitajiet edukattivi, crafts u logħob. Din l-esperjenza nagħmluha flimkien mas-Sorijiet ta' Mother Teresa. F dan iż-żmien ta tħejjija, niltaqgħu diversi drabi ma' dawk li qegħdin Malta u anke inkunu f kuntatt mas-Sorijiet ta' Kosovo.



Is-sempliċità u l-imħabba li jaħdmu biha dawn is-Sorijiet, hi xi ħaġa li tibqa' immarkata f'qalbek u bla ma tkun taf, tħalli effett posittiv. Il-ħidma tagħhom hi dejjem fis-silenzju, kemm Malta, Kosovo u kullimkien. Malta jagħmlu ħafna ġid ma' ħafna familji.

Il-ġranet tagħna ġewwa Kosovo, kienu jibdew billi nieħdu l-kolazzjon flimkien. Konna ninġabru kollha fejn l-istatwa tal-Madonna biex ngħidu t-talba



flimkien u wara nerħulha lejn għalqa vojta, viċin fejn jgħixu t-tfal u l-familji li naħdmu magħhom. Il-maġġoranza ta' dawn il-familji jgħixu fit-triq, jew fi djar b'kamra waħda, mingħajr għamara, dawl u ilma. It-tfal konna niġbruhom f'ċirku u nibdew il-ġurnata permezz taż-żfin u l-mużika. Wara, konna nqassmulhom xi ħaġa x'jieklu u x'jixorbu.

Dawn it-tfal m'għandom xejn ħlief dawn il-ftit mumenti sbieħ li jqattgħu mas-sorijiet. La dar, la edukazzjoni u lanqas futur. Il-ġurnata ta' dawn it-tfal tibda min x'ħin titla' x-xemx sa tard billejl, jittallbu fit-toroq waħedhom, bit-tama li jakkwistaw xi ħaġa għall-famija tagħhom. Ħafna min dawn iċ-ċkejknin jorqdu bil-ġuħ, iżda ħaġa tal-għaġeb x'ħin filgħodu aħna nqassmulhom l-ikel, dawn ikunu pronti biex jaqsmu kollox bejniethom.



Wara ż-żfin, it-tfal konna naqsmuhom fi gruppi skont l-età u magħhom nagħmlu l-programm tal-ġurnata li konna ftehimna minn Malta. Dejjem jirnexilhom jimmeraviljawna bil-kreattività u l-enerġija posittiva li għandhom. It-tbissima tagħhom hija xhieda ċara ta' kemm japprezzaw dawn il-mumenti. Għaliex għal dan il-ftit ħin tal-ġurnata, setgħu jesperjenzaw it-tfulija.

Wara nofs ta' nhar ta' attivitajiet mat-tfal, il-voluntiera konna nerġgħu niltaqgħu biex nippreparaw l-attivitajiet għall-ġurnata li jmiss. Il-ġurnata tagħna kienet tkun mimlija daqs bajda. Din l-esperjenza tagħtik iċ-ċans li tesperjenza s-sempliċità tal-ħajja. Tibda tirrealizza li għalkemm aħna għandna l-kumditajiet kollha, ħafna drabi m'aħniex kapaċi nesperjenzaw dak il-ferħ.

Mother Teresa kienet tgħid " L-imħabba tibda bi tbissima!" b'sempliċiment tbissima, dawn it-tfal, għallmuna x'inhi l-veru mħabba. Jgħallmuk kif tapprezza kull mument tal-ħajja, anki meta ma jkollok xejn.

Nieħdu din l-opportunità biex inħeġġu liż-żgħażagħ jagħmlu esperjenza simili ta' volontarjat u jekk ikun hemm xi ħadd interessat jikkuntattjana. Il-paġna ta FaceBook tagħna hi: kosovo voluntary Experience.




Pet Care Store
Qrendi Road, Żurrieq
**Tel: +356 21649727**






## L-Esperjenza tiegħi ġewwa l-Vatikan

*Gabriel Sciberras*

Sa minn mindu dħalt abbati, kelli x-xewqa li nitla' nservi bħala abbati ġewwa l-Vatikan. Għaldaqstant fit-2019 bdejt nattendi l-kors ta' tħejjija u wara diversi eżamijiet u preparamenti, waslet il-ġurnata tant mistennija li naqta' xewqti. Kien l-Erbgħa 3 ta' Awwissu 2022, meta jien flimkien ma' tnax-il abbati ieħor minn madwar Malta bdejna l-esperjenza ġewwa l-Vatikan.



*Il-grupp qabel tlaqna lejn Fiumicino*

Fis-sajf, is-seminaristi li jagħtu servizz fil-Bażilika, jkunu bil-vaganzi, għaldaqstant Mons Bonnici jieħu ħsieb itella' l-abbatini minn Malta biex jagħtu servizz minflokhom. Mal-wasla tagħna ġewwa l-Vatikan, Mons. Frans Bonnici ħa ħsieb iqassamna fi gruppi biex hekk nagħtu s-servizz tagħna f'quddies differenti.



*Udjenza tal-Erbgħa*

Matul id-disat ijiem li qattajna hemm, l-abbatini kollha konna kuljum niltaqgħu ħdejn il-Bażilika fis-6:10a.m sabiex mas-6:15 b'permess speċjali nidħlu flimkien fil-Bażilika. Hemmhekk, wara li nilbsu l-libsa, l-abbatini konna ninqasmu skont kif ġej. Grupp jipprepara il-kalċijiet u l-pissdijiet għall-Quddies kollu tal-ġurnata, grupp ilibbes il-pjaneti lill-qassisin, grupp jixgħel l-altari u grupp


*Nirċievi l-faxxa l-ħamra*

joħroġ mal-qassisin għall-Quddies. Il-quddies kien jiġi ċċelebrat bit-Taljan u xi drabi wkoll bil-Latin fuq altari differenti fosthom La Capella del Coro, L' altare di San Giuseppe u La Catedra. Kellna wkoll ix-xorti li ngħinu f'quddies li kien jiġi ċċelebrat fil-Grotte Vaticane, fejn hemm midfuna l-Papiet, fosthom San Pietru, l-ewwel Papa.

Is-Sibt 6 ta' Awwissu kienet ġurnata speċjali, kien Jum il-Vestizzjoni. Dun Mark Ellul mexxa ċ-ċelebrazzjoni fil-Capella del Coro u li fiha Mons Bonnici tana l-faxxa l-ħamra. Din il-faxxa tingħata lil kull abbati li jkun ta s-servizz tiegħu ġewwa l-Bażilika ta' San Pietru.

L-għada l-Ħadd kienet ukoll ġurnata mpenjattiva. Filgħodu ħadna sehem fil-Laudi u wara ħadna sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa l-kbira fuq l-altar tal-Catedra. Wara l-Quddies attendejna għall-Angelus ġewwa l-Pjazza San Pietru. Imbagħad kien imiss l-aktar esperjenza li ħadt gost nagħmel – il-laqgħa tagħna mal-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku. Irħejnielha lejn Santa Marta, il-kwartieri fejn joqgħod il-Papa. Daħħluna ġo sala kbira u sabiħa u hemmhekk aktar żdied l-eċitament! Lanqas ridt nemmen x'ħin daħal ħdejna l-Papa u wieħed wara l-ieħor ħadnielu b'idejh. Wara li berikna l-Papa, tlabna l-Ave Maria miegħu u qabel ma ħareġ tana kuruna tar-Ružarju mbierka minnu stess. Esperjenza li nibqa' ngħożż għal dejjem. Filgħaxija kellna l-Vespri.


Ritratt mal-Monsinjur tal-Bażilika

L-Erbgħa ta' wara wkoll kellna x-xorti li niltaqgħu mal-Papa mil-viċin waqt l-Udjenza. Minħabba li saħħet il-Papa dawk il-jiem ma tantx kienet tippermetti, l-Udjenza kienet saret fis-Sala Pawlu VI. Wara l-messaġġ tiegħu l-Papa għadda mil-korsija u wkoll reġa' kien viċin ħafna tagħna u saħansitra wieħed mil-grupp irnexxielu jagħti lill-Papa flokk tat-tim tal-futbol li miegħu jilgħab b'isem il-Papa miktub. Waqt iż-żjara tagħna ġewwa l-Vatikan, seħħet ukoll il-mewt tal-Kardinal Slovakk Jozef Tomko. Il-grupp tal-abbatini Maltin kellna wkoll iċ-ċans li nieħdu sehem fil-korteo li sar qabel il-funeral.


Funeral tal-Kardinal Jozef Tomko

Din l-esperjenza kienet waħda mil-isbaħ għalija kif ukoll għall-familja tiegħi li kienu wkoll hemm waqt dawn il-jiem. Għalkemm l-esperjenza kienet waħda mpenjattiva, jien inħoss li tgħallimt ħafna, għamilt ħbieb ġodda u wkoll qtajt xewqti. Bħalissa għadni qiegħed nattendi l-kors tal-Esperti ma' Mons Frans Bonnici sabiex jekk Alla jrid nerġa' nagħmel esperjenza oħra bħal din. Inħeġġeġ abbatini oħra sabiex jagħmlu din l-esperjenza għaliex apparti li hija ta' unur għal min jagħmilha, hija wkoll unur għall-parroċċa.


La Catedra

Viva San Pawl

# RENDIKONT FESTA SAN PAWL - 2022

| DĦUL | € |
|---|---|
| Bilanċ Festa 2021 | 1354.94 |
| Envelopes fid-djar | 8195 |
| Ġabra waqt il-ħruġ ta' San Pawl | 355 |
| Bukkett li ma jinxifx | 945 |
| Ġabra dħul tal-vara | 1200 |
| Ġbir fil-Knisja fil-weekend tal-Festa | 605 |
| Ġbir fil-Knisja matul il-ġimgħa tal-Festa | 350 |
| Fuljett Riklami | 1011 |
| Total | 14,015.94 |

| ĦRUĠ | |
|---|---|
| Ħlas Dwal Temporanju | 446.45 |
| Ħlas Bozoz | 1345.20 |
| Trattamenti Ricevimenti | 574 |
| Ħlas Servuzz Liturġiċi( Tridu, Paniġierku u Purċissjoni) | 300 |
| Ħlas Orkestra Tridu, Is-Sibt u l-Ħadd | 2399 |
| Donazzjoni Kazin Banda San Pawl (sabiex tkopri parti mill-Ispejjez tal-Baned, Insurance Armar u Nar) | 5500 |
| Fuljett Festa | 1302 |
| Security mal-Knisja | 236 |
| Ħlas Daqq tal-Qniepen | 135 |
| Total | 12,237.65 |

| | |
|---|---|
| Bilanċ | 1778.29 |

Ħajr

- Lil Alla tal-Festa sabiħa li kellna
- Lil min ta' kontribuzzjoni biex kellna festa li tixraq lil San Pawl
- Lil volontiera kollha li kollha li taw għajnuna fil-festa ta' barra u ta' ġewwa
- Lil Każin Banda San Pawl u s-sotto kumitati kollha tas-sehem imprezzabbli tagħhom fl-organizzazzjoni tal-Festa speċjalment il-festa ta' barra
- Lil dawk li jieħdu ħsieb l-armar u t-tindif tal-knisja. Lill-Kor Sine Macula għal kant waqt il-festa
- Lil dawk li b'mod speċifiku taw donazzjoni għall-mużika ta lejliet u ta' nhar il-festa

X'nixtieqi naraw

- Aktar volontiera li jiġu jgħinu fl-armar kemm tal-Knisja kif ukoll ta' barra
- Aktar nies li jersqu għas-sagramenti matul dawn il-jiem ta' festa.

pasteur
PHARMACY

a: Triq it-Tellerit, Safi. SFI 1621

e: pasteur@onvol.net | t: 21/27689944

opening hours:

8.00am to 1.00pm | 4.00pm to 7.00pm



Follow us on
Facebook
www.fb.com/pasteurpharmacysafi









# Festa ta' Jannar 2023











# RAYMOND ABDILLA

## EXPORTER & IMPORTER

## SEED AND WARE POTATOES

*Qed naċċettaw ordnijiet għal dawn il-varjetajiet:*

*Patata Bikrija li tinżera f'Ottubru*

**Arizona** *(tal-bikri)*

*Għall-esportazzjoni*

**Santè** – *(bikrija)*
**Alpha**
**Agria**
**Alouette** – *(tal-qoxra ħamra)*

**Arizona**
**Levante**
**Paradiso**
**Picasso**




**Fertilizzant tal-aqwa kwalità**

(blu) NPK 12+12+17+M
(isfar) Ammonium Nitrate 27%
(abjad) Ammonium Sulphate 21%
Organic Pellets
Urea 46%

"Le Nid", Triq il-Kuċċard, Safi SFI 1615
Tel: 21436594 (Grading Station)
Mob: Raymond - 9949 7980,
Malcolm - 9944 9553, Joanna - 9983 0176
E-mail: abdilla.potatoes@gmail.com

AGRICO

Milia's pharmacy

# Pharmacy is OPEN ALL DAY

Monday - Friday: 7:30am - 9:00pm

Saturday: 7:30am - 7:00pm

**42, Vjal il-Blue Grotto, Zurrieq**

**t:** +356 2168 9971 • **m:** +356 7707 9508

**w:** miliaspharmacy.mt

**e:** pharmacyzurrieq@milias.com.mt

Like Us on Facebook







# Festa ta' Jannar 2023











# Ċelebrazzjonijiet tal-Festa f'Ġieħ il-Konverżjoni ta' San Pawl 2023

**Il-Ħamis 17 ta' Awwissu**
*Jum l-Ewkaristija*

| | |
|---|---|
| 6:30pm | Quddiesa fil-Knisja ta' Santa Marija, fejn wara jkollna ħin ta' adorazzjoni u tingħata l-Barka Sagramentali. (Ma ssirx quddiesa fil-Knisja Parrokkjali). |

**Il-Ġimgħa, 18 ta' Awwissu**

| | |
|---|---|
| 7:00pm | Quddiesa fiċ-ċimiterju biex niftakru f'ħutna mejtin (Ma ssirx quddiesa fil-Knisja Parrokkjali). |
| 8:30pm | BBQ b'risq il-festa organizzata mill-Kummissjoni Armar fiċ-Ċentru Parrokkjali. Ikun hemm divertiment popolari bil-mistieden speċjali James Mercury Mifsud. |

**Is-Sibt, 19 ta' Awwissu**
*Jum it-Tifkira ta' Ħutna Mejtin*

| | |
|---|---|
| 6:30pm | Quddiesa għall-erwieħ ta' dawk li mietu fil-parroċċa mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn u għal ħutna mejtin li ħadmu għall-festa. |
| 9:00pm | The Red Gathering – attività għaż-żgħażagħ fil-Każin Banda San Pawl. |

**Il-Ħadd, 20 ta' Awwissu**
*Jum l-Ulied ġodda fil-parroċċa*

| | |
|---|---|
| 6.45am | Quddiesa Letta |
| 9:00am | Quddiesa għat-tfal |
| 6.00pm | Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija għal min jixtieq jgħammed lil uliedu matul iż-żmien tal-festa |
| 8:30pm | Lejla Maltija fil-Pjazza ta' Ħal Safi organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ. Ikun hemm divertiment popolari bis-sehem ta' Kevin Paul Calleja kif ukoll il-grupp Kwinti u kantanti minn Ħal Safi. Ikun hemm ikel għall-bejgħ b'risq il-festa. |

## Il-Ġimgħa tal-Festa

**It-Tnejn, 21 ta' Awwissu - JUM IL-ĦRUĠ TAL-VARA**
*Jum is-Sejħa Nisranija*

| | |
|---|---|
| 6:30pm | Quddiesa mmexxija mill-minn Dun Tony Pace, bis-sehem tas-Sorijiet Dumnikani, Sorijiet u Reliġjużi mill-parroċċa, u l-Abbatini. Nitolbu għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. |
| 7.30pm | Preżentazzjoni tat-trabi lil Appostlu Missierna San Pawl |
| 8:00pm | Ħruġ tal-istatwa ta' San Pawl fuq iz-zuntier u tislima bl-Innu Popolari lil San Pawl. |

Tieħu sehem il-Banda San Pawl Safi li ddoqq l-Innijiet u wara tagħmel marċ ferrieħi li jibda mill-Pjazza tal-Knisja.

**It-Tlieta, 22 ta' Awwissu**

*Jum it-Tfal u ż-Żgħażagħ*

| | |
|---|---|
| 6:30pm | Quddiesa mill-Kappillan Rev. Kan. Ivan Scicluna bis-sehem tat-tfal u iż-Żgħazagħ |
| 7:30pm | Diversi tfal u żgħażagħ jimxu wara xbieha ta' San Pawl mill-Knisja Parrokkjali f'diversi toroq f'Ħal Safi waqt il-kant tal-innijiet ta' San Pawl. |
| 8.30pm | Fiera u BBQ fil-Pjazza tal-Knisja b'risq il-festa. |

**L-Erbgħa, 23 ta' Awwissu - L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**

*Jum it-talb għall-Fejqan*

| | |
|---|---|
| 9:30am | Quddiesa għall-membri tas-Safi Day Centre, Dementia Centre u l-anzjani mill-Kappillan ir-Rev. Kan. Ivan Scicluna fil-Knisja Parrokkjali. |
| 6:30pm | Quddiesa kantata bis-sehem ta' dawk li għandhom bżonn talb għall-fejqan fir-ruħ u fil-ġisem. Imexxi u jagħmel l-omeliji tal-jiem tat-Tridu, Mons. Anton Cassar. Wara l-quddiesa jkun hemm il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl. |
| 8:30pm | Marċ mill-banda Filarmonika Santa Marija tal-Mosta, li jgħaddi minn Triq San Ġwann (in-naħa ta' Ħal Kirkop), idur għal Triq il-Kuċċard, Triq is-Summien, Triq in-Nassaba, Triq it-Tellerit, Triq l-Iskola, idur għal Triq iż-Żurrieq u jispiċċa fil-Pjazza tal-Knisja. |

**Il-Ħamis, 24 ta' Awwissu - IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**

*Jum l-Għixien Familjari*

| | |
|---|---|
| 5:00pm | Qrar |
| 6:30pm | Quddiesa kantata bis-sehem ta' dawk il-koppji li qed jiċċelebraw il-10/20/25/30/40/50/60 Anniversarju taż-żwieġ tagħhom, u dawk li żżewġu wara l-festa tas-sena l-oħra biex iġeddu l-wegħdiet taż-żwieġ tagħhom. Mistiedna ukoll dawk li qed jagħmlu l-mixja għat-tħejjija taż-żwieġ u l-ħajja tal-familja. (Min bi ħsiebu jattendi minn dawn tajjeb li jinkiteb fl-Uffiċċju Parrokkjali). Imexxi Mons. Anton Cassar. Wara l-quddiesa jkun hemm il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl. |
| 8:45pm | Il-Banda San Pawl Safi tesegwixxi Programm Vokali u Strumentali fuq il-planċier, fejn fost oħrajn jindaqq u jitkanta l-Innu l-Kbir 'Is-Sejħa', taħt id-direzzjoni tas-Surmast Mro. Michael Bugelli bis-sehem tal-Kor Mirabitur u s-solisti Marita Bezzina u Vince Farrugia. Jieħdu sehem ukoll il-kantanti Ħal Safin, Cherise Pace u Kayley Cuschieri. Tippreżenta s-Sinjorina Claire Zammit. Kxif tal-istatwa ta' San Pawl fuq iż-Żiemel wara r-restawr li sar fuqha matul din is-sena fl-okkażjoni tat-30 sena fostna. |

**Il-Ġimgħa, 25 ta' Awwissu - IT-TIELET JUM TAT-TRIDU**

*Jum l-Għaqdiet u l-Impenn Nisrani*

| | |
|---|---|
| Filgħodu | Tqarbin tal-Morda fi djarhom. |
| 5:00pm | Qrar |
| 6:30pm | Quddiesa kantata bis-sehem tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, flimkien mal-għaqdiet reliġjużi u dawk li jgħinu fil-ħidma missjunarja jew għamlu esperjenza missjunarja. Imexxi Mons. Anton Cassar. Wara l-quddiesa jkun hemm il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl |
| 9:00pm | Marċ mill-Banda San Pawl Safi li takkumpanja l-istatwa ta' San Pawl fuq iż-Żiemel. Il-marċ jibda minn quddiem il-Maħżen tal-Armar fi Trejqet it-Twemmin għal Triq San Tumas, Triq Ta' Ġawhar, Triq il-Kenn, Triq il-Menqa, Triq l-Iskola, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq il-Ħajt Ruman, Triq iż-Żurrieq, Triq l-Iskola, Triq in-Nassaba, Triq it-Tellerit, Triq il-Kuċċard, Triq is-Summien, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq u jintemm fil-pjazza tal-Knisja fejn l-istatwa tittella' fuq il-pedestall fost briju kbir. Hemm sorpriża mill-isbaħ lesta għalikom! Wara jkun hemm kant ta' diski Pawlini u jintwera wkoll il-feature tal-festa. |

**Is-Sibt, 26 ta' Awwissu - LEJLET IL-FESTA**

| | |
|---|---|
| 8:00am | Quddiesa mill-Kappillan Rev. Kan Ivan Scicluna li fiha jitkanta l-Innu ta' Ringrazzjament, it-Te Deum. |
| 5:00pm | Qrar |
| 6:00pm | Purċissjoni li titlaq mill-Knisja Parrokkjali għall-Knisja ta' Santa Marija. |
| 6:15pm | Inċensazzjoni tar-Relikwa u Translazzjoni mill-Knisja ta' Santa Marija għall-Knisja Parrokkjali. Isir il-kant tal-Innu u tal-Antifona ta' San Pawl. Wara jsir il-kant tal-Għasar Solenni u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Imexxi ir-Rev. Tony Pace. |
| 7:30pm | Quddiesa ppreseduta mir-Rev. Tony Pace stess. |
| 8.15pm | Il-Banda San Pawl Safi tesegwixxi programm fuq il-planċier. |
| 10.00pm | Wirja piroteknika li tinkludi: ħruq ta' salut tal-lampjun, ħruq ta' murtaletti u murtali tal-kulur u wirja piroteknika akkumpanjata bil-mużika li tinkludi sfejjer, blalen u sbruffaturi tal-fjammi tal-kulur. |
| 11.30pm | Wirja tal-logħob tan-nar tal-art artistiku u mekkanizzat fil-Bypass (Triq il-Kuċċard). |

**Il-Ħadd, 27 ta' Awwissu - JUM IL-FESTA**

| | |
|---|---|
| 6:45am | Quddiesa |
| 9:00am | Quddiesa Solenni konċelebrata ta' Jum il-Festa. Jippresidi din il-konċelebrazzjoni solenni u jinseġ il-paniġierku Rev. Mons Louis Suban Prepostu u Arċipriet tal-Knisja Kolleġġjali u Bażilka Sant' Elena B'Kara. |

| | |
|---|---|
| 12:00pm | Jibda l-Marċ ta' Filgħodu mill-Banda San Pawl Safi. Jibda mill-Pjazza tal-Knisja, jgħaddi għal Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq il-Ħajt Ruman, Triq iż-Żurrieq u Pjazza tal-Knisja fejn jilħaq il-qofol tiegħu quddiem il-Każin Banda San Pawl u jintemm fis-2:00pm |
| 6:00pm | Quddiesa ċċelebrata mir-Rev. Robert Grech, Kappillan tal-parroċċa tas-Swatar |
| 7:15pm | Tibda l-purċissjoni bl-istatwa titulari tal-Appostlu San Pawl. Imexxi r-Rev. Robert Grech Kappillan tal-parroċċa tas-Swatar. Mal-ħruġ tal-purċissjoni jindaqqu l-innijiet, u jinħarqu salut, musketterija, kaxxa infernali u murtali tal-beraq. Il-Kor Mirabitur jakkumpanja l-Banda Stella Maris ta' Tas-Sliema waqt l-innijiet tal-ħruġ u takkumpanja l-purċissjoni. Il-Banda Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D.1990 tagħmel programm mużikali fuq il-planċier fil-Pjazza tal-Knisja. |
| 10:00pm | Jindaqqu l-Innijiet ta' San Pawl mill-banda Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D.1990 akkumpanjata mill-Kor Mirabitur taħt it-tmexxija ta' Simone Attard. |
| 10:30pm | Ninġabru fuq iz-zuntier u tinħaraq l-kaxxa infernali u nilqgħu l-istatwa ta' San Pawl lura fil-Knisja. Fid-dħul tagħha titkanta l-antifona u tingħata l-Barka Sagramentali. |
| 11:00pm | Isir il-Marċ tan-Nar mill-Banda San Pawl, Safi li jakkumpanja l-istatwa ta' San Pawl fuq iż-Żiemel li titniżżel minn fuq il-pedestall u jintemm kollox fil-Pjazza tal-Knisja f'nofsillejl. |

**Il-Ħadd, 3 ta' Sttembru- DĦUL TAL-VARA FIN-NIĊĊA**

| | |
|---|---|
| 9.00am | Quddiesa bis-sehem tal-Każin tal-Banda San Pawl u s-sottokumitati kollha, l-għaqdiet reliġjuzi u soċjali kif ukoll it-tfal tal-parroċċa sabiex nirringrazzjaw lil Alla tal-Festa li kellna. Wara l-quddiesa jkun hemm id-dħul tal-vara fin-niċċa. |

## Fil-Knisja Parrokkjali:

Fil-jiem tat-Tridu l-orkestra u l-Kor Sine Macula jkunu taħt id-direzzjoni ta' Mro Alexandra Borg B.Educ, A.Mus L.C.M..
Lejlet u nhar il-Festa tindaqq il-mużika tas-Surmastijiet Dott. Paolo Nani u Mro Antonio Nani. L-orkestra u l-Kor Sine Macula jkunu taħt id-direzzjoni ta' Mro Alexandra Borg B.Educ, A.Mus L.C.M..









# Festa 2022














Festa 2022














## Prixxilla u Akwila - Koppja Dixxipli ta' Pawlu

*Daniel Mangion*



Il-mod ta' kif wieħed jitkellem sa minn żmien il-qedem kien jiġbed in-nies. Pawlu, li d-don tal-kelma u l-arti tal-persważjoni, kienu tabilħaqq notevoli kemm fil-kitbiet u anke id-diskorsi tiegħu, kienu jsegwuh ħafna nies, li kienu wkoll isiru dixxipli tiegħu. F'dan l-artiklu aħna ser niffukaw fuq tnejn minn dawn is-segwaċi ta' Pawlu, il-koppja Akwila u Prixxilla.

"Hemm sab wieħed Lhudi minn Pontu, jismu Akwila, li kien għadu kemm wasal mill-Italja ma' martu Prixxilla, għax l-imperatur Klawdju kien ordna biex il-Lhud kollha jitilqu minn Ruma." Atti Kap 18 Vers 2

Akwila kien ġej minn Pontu, li tinsab fin-naħa ta' fuq tat-Turkija, tmiss mal-Baħar l-Iswed. Prixxilla nafu li kienet ġejja minn familja Lhudija u l-isem Prixxilla huwa id-diminuttiv tal-isem Ruman Priska. Flimkien ma żewġha Akwila, kienet waħda mill-ewwel nies jgħixu Ruma li kkonvertew għall-Kristjaneżmu. Fis-sena 49 huma kellhom iħallu Ruma, wara li l-Imperatur Claudius, b'digriet keċċa lil-Lhud kollha. Minn Ruma huma marru jgħixu Korintu.

Meta telaq minn Ateni Pawlu mar Korintu u hawn għex ma' Akwila u Prixxilla. Peress li sengħa tagħhom kienet li jagħmlu t-tined, Pawlu li kienet ukoll is-sengħa tiegħu, spiċċa wkoll jaħdem ma Prixxilla u Akwila.



"Pawlu baqa' hemm għal ħafna ġranet. Imbagħad infired mill-aħwa u rħielha bil-baħar lejn is-Sirja. Kellu miegħu lil Prixxilla u Akwila." Atti Kap 18 Vers 18

Waqt li kien Korintu, Pawlu ta' kull nhar ta' Sibt, kien imur fis-sinagoga sabiex jagħti xiehda dwar Ġesù lil-Lhud u lill-Griegi. Pawlu mhux dejjem kien milqugħ hemm tant li ppruvaw diversi drabi jsikktuh. Tant li meta Galljon sar prokonslu tal-Akaja, qamu kontra Pawlu u ressquh il-qorti. Galljon ta' prokonslu intelliġenti, ħasel idejh mill-akkużi li ressqu fuq Pawlu, u bagħathom mingħajr ma kkundanna lil ħadd. Wara dan l-episodju Pawlu baqa' diversi ġranet f'Korintu.

L-awtur sagru jindikalna li Pawlu baqa' jgħix u jaħdem ma' Prixxilla u Akwila għal tmintax-il xahar. Wara dawn Pawlu mar fi vjaġġ missjunarju fis-Sirja. Prixxilla u Akwila, min-naħa tagħhom ħallew kollox, u marru huma wkoll ma' Pawlu f'din il-missjoni ġewwa s-Sirja.

"Dan beda jitkellem bi qlubija kbira fis-sinagoga. Prixxilla u Akwila semgħuh; ħaduh magħhom u fissrulu t-Triq ta' Alla iktar bir-reqqa." Atti Kap 18 Vers 26

Wara l-vjaġġ tagħhom fis-Sirja, Prixxilla u Akwila, marru ma' Pawlu fi vjaġġ ieħor missjunarju. Din id-darba marru f'Efesu. Jidher li Pawlu ma tantx kien ħa jdum Efesu, tant li ħeġġewh jibqa' ftit oħra imma hu xtaq ikompli bil-missjoni tiegħu ma' ġnus differenti. Għalhekk Pawlu ħalla Efesu, u mar Ċesarija, Ġerusalemm u Antjokja.  F'Efesu Pawlu ħalla bosta nies warah, fostom lil Akwila u Prixxilla.

Il-ħeġġa għax-xandir tat-tagħlim u l-ħajja ta' Ġesù, baqgħat sħiħa fi Prixxilla u Aquila, anke wara t-tluq ta' Pawlu. Tant li meta darba semgħu lil Apollo, li kien predikatur tajjeb ħafna f'Efesu, jippriedka fis-sinagoga, huma qagħdu jispjegawlu dwar il-magħmudija kif wassalhielna Ġesù.  It-tradizzjoni tgħid ukoll li qabel ħalla Efesu, Pawlu, għamel lil Akwila Isqof, u kap tal-knisja fl-Asja Minuri. Dan jixhed mhux biss il-qrubija ta' Pawlu ma' Akwila u Prixxilla, imma wkoll il-ħeġġa għall-kristjaneżmu li dawn kellhom.

"Isellmulkom il-knejjes tal-Asja. Isellmulkom ħafna fil-Mulej Akwila u Priska u l-knisja li tiltaqa' f'darhom." L-1 ittra lill-Korintin Kap 16 Vers 19

Fl-ewwel ittra lill-Korintin Pawlu jitkellem fuq il-firdiet li nħolqu f'Korintu bejn id-dixxipli ta' Pawlu, Apollo u Kefa. F'din l-ittra li hija l-aktar magħrufa għall-



innu tal-imħabba, u li ta' spiss nisimgħuh fit-tiġijiet, Pawlu, b'ton ta' ċanfir, jisħaq li dawn il-firdiet ma għandomx ikunu għax aħna knisja waħda il-knisja ta' Ġesù Kristu.

Din l-ittra Pawlu jagħlaqha billi jibgħat it-tislima ta' Akwila u Prixxilla, lin-nies ta' Korintu. Tali tislima tindika l-ewwel u qabel kollox li waqt li kienet qed tinkiteb l-ittra, Akwila u Prixxilla kienu ħdejn Pawlu. Iżda barra dan, studjużi jisħqu li dan jindika, li fit-twaqqif tal-knisja f'Korintu, Akwila u Prixxilla kienu id f'id ma' Pawlu.

"Għax huma wkoll issugraw ħajjithom għalija biex isalvawni; u mhux jien biss għandi għax nirringrazzjahom iżda wkoll il-knejjes kollha tal-Ġentili" Ittra lir-Rumani Kap 16 Vers 4

Fl-aħħar tal-ittra lir-Rumani li nkitbet fis-sena 56 jew 57 wara Kristu, San Pawl fit- tislija tiegħu lil Akwila u Prixxilla jikxef żewġ affarijiet importanti. L-ewwel u qabel kollox jikxef il-ħbiberija profonda li kellhom bejnietom il-koppja u Pawlu, li wasslet lil Akwila u Prixxilla jirriskjaw ħajjithom sabiex Pawlu jkun jista' jibqa' jxandar lil Kristu. It-tieni ħaġa li tiżvelalna din l-ittra hija, li Prixxilla u Akwila kienu, jiftħu l-bieb ta' darhom, biex fiha jlaqqgħu komunità ta' Kristjani, biex apparti li jkunu ta' sapport għal xulxin fil-persekuzzjoni kontra l-insara, jkunu ta' sostenn għal xulxin fil-fidi u jissaħħu flimkien permezz tat-tagħlim ta' Ġesù.

It-tradizzjoni tgħid li Prixxilla u Akwila ħadu l-martirju flimkien. Din il-koppja hija meqjuma kemm fil-Knisja Kattolika Rumana, kif ukoll f'dik Luterna u Ortodossa.

Il-festa ta' Santa Prixxilla u San Akwila tiġi ċċelebrata fit-8 ta' Lulju.






# Rikors tal-Bradella u l-Bankun tal-iStatwa ta’ San Pawl

*Dorian Baldacchino*



A Sua Eccellenza Reverendissima
Mons. Don Mauro Caruana O.S.B.
Arcivescovo Vescovo di Malta
Ecc. ecc. ecc.

Umile ricorso del
Sac. Francesco Buereb
Parroco di Casal Safi

Riverentemente espone:

Che la 'predella' della statua di S. Paolo Apostolo, titolare del suddetto Casale, si trova in cattivo stato;

Che i suoi parrocchiani desiderano sostituirla con una altra nuova;

Che a tale scopo da alcuni benefattori venne contribuita una somma ascendente a lire sterline cento e venticinque (£125);

Che l'allora Parroco Sac. Emmanuele Brincat aveva già acquistato l'annesso disegno (Doc. A) per la formazione della stessa, fatto dallo scultore Emmanuele Bufagiar, il quale venne unanimamente approvato dagli abitanti dello stesso Casale;

Che tale lavoro verrà a costare lire sterline cento e venticinque (£125).

Pertanto il ricorrente umilmente domanda:

I L'approvazione di detto disegno;
II L'autorizzazione per fare tale opera;
III Il permesso di poter depositare come semplice custodia la suddetta somma raccolta.

E della grazia ....

Sac. Francesco Buereb
Parroco

Alla Giunta Diocesana per la tutela delle arti ...

Il-knisja tal-parroċċa tagħna hija mużew artistiku tax-xogħlijiet tal-Bormliż Emmanuele Buhagiar. Infatti huwa dmir tagħna li nieħdu ħsieb dan il wirt li ħallewlna missirijietna. B’hekk ġiet afdata l-kumpanija Mostija *Atelier Del Restauro* sabiex tieħu ħsieb id-diversi opri li jinsabu fil-knisja tagħna, fosthom l-istatwa, l-pedestal u l-bankun ta’ San Pawl, is-sett tal-appostli l-antiki li kien jintrama fuq l-artal, ir-relikwarju l-antik u l-ġdid tal-festa u oħrajn. Fis-seklu 20 il-bankun u l-pedestall kienu jinsabu fi stat ħażin. B’hekk il-Ħalsafin bdew jaraw li hemm bżonn li jsir bankun u pedestall ġdid għal vara ta’ San Pawl

Waqt li kont qiegħed nagħmel xi riċerka fl-arkivji tal-Kurja u waqt li kont qed inqalleb qalb l-indiċi tal-volumi tar-rikorsi ġie f’idi rikors li jgħid: *predella della*

*statua di S. Paolo*[1]. Permezz ta' dan l-artiklu se nagħti xi ftit informazzjoni dwar il-bankun tal-vara ta' San Pawl. Minħabba li s'issa l-unika informazzjoni li għandna dwaru huwa dwar id-disinn li jinsab fis-sagristija tal-knisja parrokkjali u li kien inħadem minn Emmanuele Buhagiar.

**Tifsir tal-kelma *"predella"***

Qabel ma nagħtu ħarsa lejn ir-rikors, tajjeb li nagħtu ħarsa lejn il-kelma "*pradella*" li nsibuha wżata f'dan id-dokument. Il-kelma Taljana *predella* tirreferi għal żewġ oġġetti li bil-lingwa tagħna huma magħrufa bħala l-**bradella** u l-**bankun**. Il-bankun għandu forma ta' kaxxa kbira tal-injam li hija ta' sapport għall-istatwa flimkien mal-pedestall tagħha u l-bradella. Min-naħa l-oħra il-bradella hija marbuta ħaġa waħda mal-bankun u jkollha l-istess qisien. Il-bradella li hija trasformazzjoni tat-termini *predella* li daħlet f'ilsienna mill-Isqalli, iżda b'tifsira differenti. Għaldaqstant, il-bradella hija dik il-parti li tinġarr waqt li purċissjoni u magħha jintrabtu l-pedestall u l-vara. Fiha jiddaħħlu tlieta jew erba' lasti tal-injam biex tkun tista' tinġarr fuq l-ispalla[2].

**Informazzjoni dwar ir-rikors**

Dan ir-rikors hu maqsum f'żewġ partijiet. Il-parti prinċipali fejn għandek t-talba tal-kappillan, u l-aħħar parti fejn hemm l-approvazzjoni biex jitwettaq dan il-proġett.

L-aktar parti li hija ta' interess kbir għalina hija t-talba biex isir dan il-proġett. Ikkumparat mar-rikorsi l-oħra li ġeneralment isiru fil-kurja, dan id-dokument iħares il-formalitajiet kollha skont kif mitlub mill-Kurja. Infatti jibda bil-kliem "*Sua eccellenza reverendissima*" u jkompli bit-titli attribwiti lill-Isqof ta' Malta. F'dan il-perjodu meta saret it-talba kien Mauro Caruana. Imbagħad ikun hemm l-isem ta' min hemm jagħmel it-talba flimkien mal-kliem *"Umile ricorso del ....."* u l-irwol tiegħu fil-parroċċa f'dan il-każ kien il-kappillan "*Sac. Francesco Xuereb Parroco di Casal Safi*". Li hu interresanti li meta wieħed jifli dan id-dokument issib li dan il-proġett kien beda fi żmien il-kappillan Tarxiniż Emmanuele Brincat li kien il-kappillan ta' Ħal Safi bejn 27 ta' Diċembru 1931 u Marzu 1935[3] imbagħad tkompliet mis-suċċessur tiegħu Dun Franġisk Xuereb li dam kappillan ta' raħalna mid-29 ta' Diċembru 1935 sas-6 t'April 1946[4].

---

1 Arkivju Arċiveskovili ta' Malta, Suppliche 36 (1936), f.341

2 M. Sagona, Emanuele Buhagiar (1876-1962: his contribution to the ecclesiastival decorative arts of the Maltese Islands, (2003) p.84

3 P. Callus, Ħal Safi (1998), p.91

4 Ibid p.91-93

Parti mill-messaġġ ta' dan id-dokument jgħid:



*Che la predella della statua di San Paolo apostolo, titolare del suddetto Casale, si trova in cattivo stato.*

*Che i suoi parrocchiani desiderano sostituirla con una altra nuova. Che a tale scopo da alcuni benefattori venne contribuita una somma ascendente a lire sterline cento e venticinque (£125). Che l'allora Parroco Sac. Emmanuele Brincat aveva gia acquistato disegno per la formazione della stessa, fatto dallo scultore Emmanuele Buhagiar, il quale venne unanimamente approvato dagli abitanti dello stesso casale.*

Fi ftit kliem b'ilsienna qiegħed jgħid li l-parruċċani kienu qegħdin jitolbu sabiex jinbidlu l-bradella u l-bankun peress li kienu fi stat ħażin ħafna. L-ispiża għal dan il proġett kienet se tiġi tiswa mija u ħamsa u għoxrin lira sterlina u kienet se titħallas mill-benefatturi tar-raħal. Flimkien ma' dan ir-rikors ġie ppreżentat ukoll id-disinn tal-bradella wara li kien aċċettat mill-parruċċani tar-raħal. Min-nota li hemm fuq il-paġna ta' wara ta' dan ir-rikors nafu li ġie ppreżentat lil Kurja Arċiveskovili ta' Malta fit-22 t' April 1936. Il-permess għal din it-talba mill-kappillan ta' Ħal Safi ħareġ fis-17 ta' Lulju 1936, b'hekk ix-xogħol seta' jsir.

Insibu dokument ieħor marbut ma' dan il-bankun li jġib id-data 4 ta' Jannar 1937. Dan id-dokument hu maqsum f'żewġ partijiet. Fl-ewwel parti għandek ir-referenza li l-kappillan Francesco Xuereb kien ħallas is-somma ta' £125 Lira Sterlina għall-bankun u l-bradella ta' San Pawl. Fit-tieni parti tal-istess dokument, insibu li l-kappillan qed javża li '*detta predella e' pronta e sta per essere trasportata nella*

*Chiesa Parrocchiale di C. Safi"*[5]. Fi ftit kliem b'ilsienna qed jgħid li l-bankun kien lest u jinsab fi trieqtu lejn il-parroċċa ta' Ħal Safi. B'hekk minn dan id-dokument nistgħu nikkonkludu li l-bankun kien iżżanżan u miġjub f'raħalna għall-ewwel darba biex jiżżanżan għall-festa liturġika tal-Konverżjoni ta' San Pawl tal-25 ta' Jannnar tal-istess sena.


6/37

A Sua Eccellenza Reverendissima
Mons. Dom. Mauro Caruana O.S.B.
Arcivescovo Vescovo di Malta
ecc. ecc. ecc.

Umile Ricorso del
Sac. Francesco Xuereb
Parroco del Safi.

Espone riverentemente
Che con Cedola No. 5632, il ricorrente aveva depositato presso la Cassa delle Pie Amministrazioni la somma di lire sterline cento e venticinque (£125), allo scopo di costruire una nuova predella da servire per la statua di S. Paolo Apostolo;
Che detta predella è pronta e sta per essere trasportata nella Chiesa Parrocchiale di C. Safi.
Il ricorrente pertanto prega umilmente l'Eccellenza Vostra Reverendissima a volergli benignamente concedere la debita autorizzazione per rimborsare la detta somma.

E della grazia...
Sac. Francesco Xuereb
Parroco

Presentato dal ricorrente
il dì 4 Gennajo 1937.
Can. [illegible]
Cancelliere

Visto il Nostro Decreto del 17 Luglio 1936, accogliamo la domanda dell'oratore.
Dato dalla Curia Vescovile di Malta il dì 8 Gennaio 1937.
Can. [illegible] Galea Vic. Gen.

Wieħed tajjeb li jinnota li fi żmien il-kappillan Dun Franġisk Xuereb, il-ġawhra tal-Ħalsafin reġgħet ingħatat il-ħajja. Kien f'dan il-perjodu li nħadmu l-pedestall tal-vara kif ukoll sett gastri bil-fjuretti għal fuq il-bradella. Dawn il-proġetti huma kollha xogħol l-iskultur Manwel Buhagiar.

**Rikors dwar il-pedestall tal-istatwa ta' San Pawl**

Dokument ieħor li huwa ta' interess kbir għalina l-Ħalsafin u devoti ta' San Pawl huwa dwar it-talba li kienet saret dwar il-pedestall tal-istess vara. S'issa l-unika informazzjoni li kellna dwar il-pedestall huwa disinn li kien jinsab fis-sagristija tal-knisja li jġib id-data 7 ta' Settembru 1939 u l-analiżi xjentifika li ħarġet mill-kumpanija Atelier Del Restauro, wara restawr li kien sar fuq l-istatwa u l-pedestall fl-2015. Dan il-pedestall huwa opra oħra tal-mastru Emanuele Buhagiar li tkompli żejjen dan it-tempju għażiż tagħna.

**Informazzjoni dwar ir-rikors**

Dan ir-rikors hu magħmul minn żewg partijiet. Fl-ewwel parti nsibu t-talba li kien għamel il-kappillan Francesco Xuereb fl-4 ta' Jannar 1937 lill-Kurja ta' Malta. Filwaqt li fit-tieni parti nsibu l-approvazzjoni sabiex dan il-proġett iseħħ.

5 Arkivju Arċiveskovili ta' Malta, Suppliche 37 (1937), f.6

L-aktar parti interessanti ta' dan id-dokument hija t-talba tal-Kappillan u raġuni għalfejn jeħtieġ isir dan il-proġett:

*"Che il <<pedestallo>> della statua di S. Paolo Apostolo, titolare di Casal Safi si trova in cattivo stato; che I suoi parrocchiani desiderano sostituirlo con uno nuovo. Che a tale scopo da alcuni benefattori venne contribuita una somma ascendente a lire sterline sessanta (£60). Che il ricorrenteé in possesso di un disegno fatto dallo scultore Emmanuele Buhagiar, il quale venne unanimamente approvato dagli abitanti dello stesso Casale."*[6]


Presentato (in Duplicato) con un disegno dal ricorrente il di 20 Giugno 1939.
Can. E. Buttigieg
Canc. Capitolo.

La Giunta per la Tutela delle Antichità Ecclesiastiche suggerisce che si presenti un'altro disegno più semplice, secondo le istruzioni da darsi dall'Illmo Prof. Antonio Sciortino.
28 Giugno 1939
Sac. Antonio Valle
Segretario.

15 Luglio 1939
Il sottoscritto dichiara di avere ritirato il disegno esibito col presente ricorso
Sac. Francesco Xuereb
Parroco

La Giunta per la Tutela delle Antichità Ecclesiastiche il secondo disegno modificato.
14 Maggio 1940
Sac. Antonio Valle
Segretario.

B'ilsienna qed jgħid li l-Parruċċani kienu qed jitolbu sabiex jibdlu l-pedestall tagħhom minħabba li kien jinsab fi stat ħażin ħafna. Dan il-proġett kien ġej jiswa sittin Lira. Din l-ispiża kienet se titħallas mill-benefatturi tar-raħal. Flimkien ma' dan ir-rikors. Dun Franġisk Xuereb ippreżenta wkoll disinn tal-pedestall, xogħol Emmanuele Buhagiar, wara li kien aċċettat mill-parruċċani Ħalsafin.

Fuq il-paġna ta' wara ta' dan id-dokument insibu informazzjoni interessanti ferm għalina. Dan minħabba l-fatt li l-ewwel disinn ippreżentat lill-Kurja nhar l-20 ta' Ġunju 1939 ma kienx ġie aċċettat. Infatti dan id-disinn kien ġie rtirat mill-kappillan stess fil-15 ta' Lulju 1939 sabiex isirulu it-tibdiliet meħtieġa. Għaldaqstant intalab *"un altro disegno piu semplice"*[7] ibbażat

---

6 Arkivju Arċiveskovili ta' Malta, Suppliche 40 (1939), f.217

7 Arkivju Arċiveskovili ta' Malta, Suppliche 40 (1939), f.217v

fuq il-parir li l-professur Antonio Sciortino kellu jagħti lill-kappillan sabiex dan id-disinn jiġi modifikat skont il-kapaċità artistika u professjonali ta' Scortino. Huwa interessanti l-fatt li dan id-dokument jista' jagħtina informazzjoni oħra li forsi ma konniex nafu fuq il-bijografija ta' Antonio Sciortino (1879-1947). L-iskultur Żebbuġi, magħruf għal bosta xogħolijiet artisitiċi tiegħu fosthom Les Gavroches u Kristu Re, kien jifformara parti mill- *"Giunta per la Tutola della antichita ecclesialstiche".*[8] Xogħlu fil-Kurja kien li jgħaddu minn taħt idejh id-disinji ta' ċertu opri artistiċi li jkunu ippreżentati mill-Kappillani u jagħti l-pariri tiegħu fuq dawn ix-xogħlijiet sabiex ikunu jistgħu jiġu approvati minnu u mis-segretarju tal-Kurja. B'hekk il-kappillan ippreżenta disinn ieħor fuq l-istruzzjonijiet mogħtija lilu minn Sciortino. Wara li dan it-tieni disinn kien studjat sew, il-Kurja approvatu fl-14 ta' Mejju 1940. Madwar xahar wara, Mussolini kien iddikjara gwerra kontra l-Ingilterra u l-kolonji tagħha b'hekk fil-11 ta' Ġunju 1940 il-gżejjer Maltin kienu awtomatikament involuti fit-Tieni Gwerra Dinjija.

Min dan id-dokument joħorġu diversi aspetti importanti marbuta mal-proċess ta' dan il-pesdestall. L-aktar ħaġa interessanti marbuta ma' dan id-dokument, ħareġ fi studju li kien għamel Mark Sagona dwar il-ħidma artistika ta' Emanuele Buhagiar fl-arti ekklesjastika. Sagona, b'referenza għall-pedestall tagħna jirreferi għal tliet disinji.[9] Tnejn jinsabu f'kollezzjoni privata filwaqt li l-ieħor jinsab fis-sagristija tal-knisja tagħna. Dan tal-aħħar diġà għamilt referenza għalih. Għaldaqstant dan ir-rikors jixhed li dan id-disinn li jinsab fis-sagristija ma kienx ippreżentat il-kurja bħala parti mit-talba tar-rikors, għax huwa datat fis-7 ta' Settembru 1939 filwaqt li l-ewwel disinn kien ippreżentat fl-20 ta' Ġunju 1939 u kien irtirat mill-applikazzjoni fil- 15 ta' Lulju 1939. Dan filwaqt li żewġ disinji l-oħra li huma simili ħafna għal pedestall tagħna. Sfortunatament, l-ebda wieħed minn dawn iż-żewġ disinji ma fihom data. Mill-banda l-oħra m'għandna l-ebda evidenza fejn jinsabu ż-żewġ disinji li ġew ippreżentati fit-talba li kien għamel Dun Franġisk Xuereb.

L-aħħar ħaġa, jidher li lejn in-nofs tas-seklu għoxrin kien hawn qawmien mill-ġdid fejn tidħol il festa ta' San Pawl u l-armar tal-knisja. Dan jidher mid-diversi proġetti li saru taħt il-patroċinju tal-kappillan Naxxari Dun Franġisk Xuereb. Wieħed għandu jżomm f'moħħu, li matul il-parrokat ta' dan il-kappillan, il-ħajja soċjali kienet diffiċili ħafna għal raħalna (kif ukoll għall-bqija tal-gżira minħabba l-gwerra mill-1940-1943). B'danakollu ma waqqafx il-benefatturi Ħalsafin milli jikkontribwixxu fl-opri ekklesjastiċi sabiex ikomplu jsebbħu dan it-tempju Pawlin.

---

8 Ibid

9 M. Sagona, Emanuele Buhagiar (1876-1962: his contribution to the ecclesiastival decorative arts of the Maltese Islands, (2003) p.171-173


SAFI Pharmacy
Triq San Ġwann, Safi
Tel: 2164 9552, 7933 1718
OPEN ALL DAY
Monday to Saturday
7.45am - 7.00pm


Għall-Induraturi
Deheb, fidda,
aluminium u artikli
kollha ghall-induratura
Miftuħin mit-Tnejn sal-Ġimgħa
mit-8.30a.m. sal- 5.00p.m.
100 YEARS
1923 - 2023
E. THEUMA & COMPANY LTD.
Theuma House, 302, St. Paul Street, Valletta VLT 1213
Tel: +356 2123 4075 / +356 2123 6605
Email: info@etheuma.com www.etheuma.com

# Dr Alexandra Gauci

**tawgura l-Festa t-Tajba lill-Ħalsafin kollha**

Infakkarkom li qed noffri s-servizz tiegħi mill-klinika

HealthQi

Family Wellness Clinic

**Clinic by Appointment**

Mon + Fri (9:00am - 11:00am)
(4:00pm - 7:00pm)

**Tue - Thu (4:00pm - 7:00pm)**
**Saturday (8:30am - 11:30am)**

**77, Triq l-Iskola, Ħal Safi**
**Mob: 9984 0443**




## Ħinijiet tal-Uffiċċju Parrokkjali

Tel: 21649223

It-Tlieta mill-4.30pm sas-5.45pm
Il-Ħamis mill-4.30pm sas-5.45pm
Il-Ġimgħa mill-4.30pm sas-6.30pm
(Fl-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar mill-4.30pm sas-5.30pm)
Is-Sibt mid-9.00am sal-11am

Ħinijiet oħra b'appuntament




XAROLLA
DENTAL CLINIC
FOR APPOINTMENTS & EMERGENCIES PLEASE CALL
2164 1741
9949 2415 / 7940 7454
Restorative treatment
Oral surgery
Root canal treatments
Cosmetic dentistry
Dental crowns & bridges
Veneers
Tooth whitening
Dental Implants
Periodontal treatment
Paediatric dentistry
Dentures
Orthodontics
OPENING HOURS
MONDAY TO FRIDAY
8:30 - 13:00 AND 14:00 - 19:00
SATURDAY
8:30 - 13:00
Xarolla Dental Clinic
xarolladental@gmail.com


CELEBRATE
YOUR HAPPY
YOUR OWN WAY
GASANMAMO.COM
GasanMamo
INSURANCE
We're Always There
Joseph Busuttil Ltd. Tied Insurance Intermediary • jbs16@hotmail.com
Joseph Busuttil Ltd. (Enrolment No. C94669) is authorised under the Insurance Distribution Act & licensed to carry out Tied Insurance Intermediary activities for GasanMamo Insurance Ltd., which is authorised under the Insurance Business Act & regulated by the MFSA.
GASANMAMO.COM
Ħal Safi
61, Żurrieq Road
T: (+356) 2768 2095, 2168 2095




V. Spiteri

VSS

& Sons Ent. Ltd.




**TRANSPORT SERVICE:** Fully Air Conditioned Vehicles

- Open Top Buses
- Coaches
- Midi Coaches
- Super Low Floor Buses - accessible for disabled & elderly people
- Mini Buses ...
  seating capacity up to 74 seats

Importers of VOLVO Bus & Truck – Parts & Diagnostic
HISPACOLD Air Conditions
IRIZAR Coaches
BOCK Compressors

29, 'Gratiae Plena',
Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra
Luqa LQA 1011
Tel: 2182 0749 Mob: 9946 4405
Email: info@vss.com.mt

# Dr Anthony Gauci

*jawgura 1-festa t-tajba*
*lill-Ħal Safin kollha.*

*Jixtieq javża lill-klijenti tiegħu*
*li mill-1 ta' Jannar 2024*
*se jibda jilqa' n-nies mill-klinika:*

**77, Health Qi**
**Triq l-Iskola**
**Ħal Safi**

**Mobile: 99496111**

**Grazzi u Viva San Pawl!**






## 25 sena mill-Innu Parroċċa Ħal Safija

*Dorian Baldacchino*

Fl-1998 meta r-raħal ta' Ħal Safi kien qed ifakkar l-400 sena parroċċa kienu saru bosta attivitajiet biex jiċċelebraw dan l-anniversarju daqsekk importanti għar-raħal tagħna. Din is-sena ċentinarja kienet fetħet bi żjara lill-Knisja ta' Bir Miftuħ nhar il-11 ta' Jannar 1998. Din l-attività kienet ħadet forma ta' pellegrinaġġ bil-coaches, karozzi u roti. Numur sabiħ ta' anzjani u żgħażagħ ħadu sehem għal din l-attività. Kienet ittella' dramm li fakkar il-mixja ta' Ħal Safi kif inħall minn Bir Miftuħ sa ma sar parroċċa għalih. Dak inhar ukoll kien indaqq għall-ewwel darba fil-pubbliku l-innu 'Il-Parroċċa Ħalsafija'. Il-versi ta' dan l-innu kienu nkitbu minn Paul Callus waqt li l-mużika kien ħa ħsiebha Mro. Tony Pace. Din is-sena dan l-innu qed iffakkar 25 sena minn meta kien indaqq l-ewwel darba. Dan l-Innu sikwit jindaqq bħala Introjtu għall-quddiesa sollenni tal-Festa Liturġika tal-25 ta' Jannar. L-Innu juri l-mixja xejn faċli li kellhom il-fundaturi ta' dan ir-raħal sabiex jaraw it-twelid ta' din il-parroċċa u l-għażla tagħhom ta' San Pawl bħala l-Patrun tal-Parroċċa.

## INNU LILL-PARROĊĊA ĦALSAFIJA

**versi:** Paul Callus; **mużika:** Tony Pace

Ix-xewqa kienet ilha, tinħass fost is-Safin,
Li għalkemm mill-ftit magħrufa, u fil-għadd pjuttost ċkejknin;
jirċievu qligħ it-talba, li lihom tagħti r-ruħ,
U b'hekk lil post twelidhom, bil-għaqal isaħħuh.
Li jsir parroċċa riedu, sa fl-aħħar dan kisbuh,
Il-ferħ ġo qalbhom tfawwar, tant l'anke feġġ id-dmugħ.

**RITORNELLO:** ***Ħass il-poplu li l-parroċċa,***
***Tinżamm soda u bir-raġun,***
***Kien għalhekk li hu mar jagħżel,***
***lil San Pawl b'għażiż patrun.***
***F'dil parroċċa magħqudin,***
***In-nies kollha Ħalsafin.***

Intalbet tinżel fuqhom, il-barka tal-Mulej,
Sabiex hu jieqaf magħhom, fiż-żmien li kien għad ġej;
Ulied Ħal Safi fehmu, xi frott jaf jagħti t-talb,
X'ħin dan ikun imwassal, sinċier minn qiegħ il-qalb.
Sisien din il-parroċċa, bħal qawwa tal-azzar,
Għax b't'Alla l-id imwieżen, dak kollu li jkun sar.

**RITORNELLO:** ***Ħass il-poplu li l-parroċċa,***
***Tinżamm soda u bir-raġun,***
***Kien għalhekk li hu mar jagħżel,***
***lil San Pawl b'għażiż patrun.***
***F'dil parroċċa magħqudin,***
***In-nies kollha Ħalsafin.***

Illum għalhekk ninsabu, f'dal-maqdes miġburin,
Iż-żgħażagħ u l-anzjani, flimkien mat-tfal ċkejknin;
Biex aħna ħajr inroddu, u nagħtu ġieħ lil min,
Ifassal il-jien tagħna, preċiż f'kull post kullħin.
Dak kollu li fl-imgħoddi, Ħal Safi stinka għalih,
Bl-għajnuna mqaddsa jkompli, jakkwista kull tisħiħ.

**RITORNELLO:** ***Ħass il-poplu li l-parroċċa,***
***Tinżamm soda u bir-raġun,***
***Kien għalhekk li hu mar jagħżel,***
***lil San Pawl b'għażiż patrun.***
***F'dil parroċċa magħqudin,***
***In-nies kollha Ħalsafin.***

Isma' recording tal-Innu:

https://www.youtube.com/watch?v=xGM5UgXoh3M


DB
Photography


COURIER
SERVICE
FROM
SICILY
AB IMPORTS
AB EXPRESS
IKEA
DECATHLON
MAISONS
BRICOMAN
CONTACT +356 7945 5960 info@abimports.com.mt www.abimports.com.mt


JOSEPH GATT
GOLD - SILVER
GILDER (INDURATUR)
Block 2, No.9
Old Governor Palace Street,
Vittoriosa
Tel: 2166 4242
Mob: 9986 0648
GHAL
KULL TIP
TA'
NDURATURA
FI DJAR
U
KNEJJES


George Zammit & Sons
RELIGIOUS ARTICLES SUPPLIER EST 1954
• Pjaneti
• Rigali
• Kalċijiet
• Sferi
• Ikoni
• Xemgħa Likwida
• Damaski
146, Old Bakery Street
Valletta VLT09 - Malta
Shop: 2123 2933
Mob: 9985 6842
Find us on
Facebook
OPENING HOURS
Monday to Saturday 09.15 - 13.00
gzamson@onvol.net - www.religiousshopmalta.com


Ghal kull xoghol
ta' custom framing, canvas
u stampar ta' ritratti kbar u zghar
VANCELL PHOTOGRAPHY
St Bartolomeo Street, Zurrieq (hdejn il-BOV).
21 641 283 - 7904 6831


Blacks & Blondes
Unisex Salon
CUT | COLOUR | BLOWDRY | UPSTYLE
21683860 79591956
Triq il-Kaċċaturi, Ħal Safi

# 25 Mistoqsija fuq Pawlu

Wieġeb dawn il-25 mistoqsija fuq il-ħajja ta’ San Pawl. Kif jirnxxilek tgħaqqadhom, agħti t-tweġibiet tiegħek lill-Membri tal-Musuem jew lill-Kappillan sal-Ħadd 27 ta' Awwissu 2023.
Ir-rebbieħa jittellgħu waqt il-quddiesa tad-9am tal-Ħadd ta' wara.

1) Fejn twieled l-Appostlu San Pawl?
1. Nazareth
2. Ġerusalemm
3. Efesu
4. Tarsus

2) Ta’ liema pajjiż kien ċittadin Pawlu?
1. Greċja
2. Palestina
3. Ruma
4. Damasku

3) Pawlu (Sawlu) kien preżenti għat-tħaġġir ta’ liema dixxiplu?
1. Ġwanni
2. Ananija
3. Stiefnu
4. Mark

4) F’liema triq kien sejjer Pawlu meta deherlu Ġesu’?
1. It-triq ta’ Emmaws
2. It-triq ta’ Ruma
3. It-triq ta’ Damasku
4. It-triq tas-Sammarija

5) Xi ġralu Pawlu meta Ġesu’ spiċċa jitkellem miegħu?
1. Ittarrax
2. Ġie ma jarax
3. Spiċċa f’koma
4. Kien marid gravi għal tlett ijiem

6) Lil min kien mibgħut biex jgħallem Pawlu?
1. Lhud
2. Rumani
3. Għarab
4. Pagani

7) Għalfejn Pawlu u Silas ġew mitfugħa l-ħabs ta' Filippu?
1. Għallmu kontra l-Lhud
2. Ġew akkużati falsament li serqu
3. Fejqu lil xi ħadd is-Sibt
4. Ħarġu spirtu ħażin minn persuna

8) Żewġ missjunarji li kienu jmorru ma' Pawlu kienu:
1. Barnaba u Silas
2. Luqa u Tumas
3. Ġuda u Ġakbu

9) Ma' liema gżira ħabat il-ġifen li kien fuqu Pawlu, huwa u sejjer lejn Ruma?

______________________________

10) X'kien jagħmel San Pawl qabel ikkonverta?

______________________________

11) Veru jew Falz li San Pawl kien Rabbi Lhudi?

______________________________

12) X'kien jagħmel San Pawl biex jaqla' x'jiekol?

______________________________

13) X'għamel Ananija biex għen lil Pawlu?

______________________________

15) Veru jew Falz li darba balena attakkat vapur li fuqu kienu Pawlu u sħabu?

______________________________

16) Kemm-il darba qala' daqqiet bil-frosta Pawlu?

______________________________

17) San Pawl kemm-il darba qala' l-40 daqqa neqsin waħda mingħand il-Lhud?

___________________________________

18) Kemm-il darba kien se jegħreq San Pawl?

___________________________________

19) San Pawl kemm-il darba qala' s-swat bil-virga?
1. Darba
2. Tliet darbiet
3. Ħames Darbiet

20) It-tradizzjoni tgħidilna li Pawlu miet:
1. Ġewwa ħabs f'Ruma
2. Qatgħulu rasu f'Ruma
3. Għereq waqt li kien sejjer f'wieħed mill-vjaġġi tiegħu

21) Vera jew Falz: Pawlu qatt ma ltaqa' ma' Ġesu' meta dan kien fid-dinja.

___________________________________

22) Semmi ħamsa mill-ittri ta' Pawlu:

___________________________________

23) Liema ktieb tal-Bibbja jirrakkonta l-vjaġġi missjunarji ta' Pawlu?

___________________________________

24) Kemm-il darba l-Atti tal-Appostli jgħidilna l-istorja tal-konverżjoni ta' San Pawl?
1. Darba
2. Darbtejn
3. Tliet Darbiet
4. L-Ebda waħda minn dawn

25) F'liema grupp reliġjuż kien jappartjeni Pawlu qabel ma ikkonverta?
1. Saduċej
2. Fariżej
3. Qassisin il-Kbar
4. Kristjan


Magic Clean
Discount Detergent Shop
Triq Filippu Farrugia, Żurrieq
Tel: 2164 7070
Mob: 7720 8974/99268290
Email: magic.clean.zurrieq@gmail.com
You can order by phone with FREE DELIVERY
THE HEART OF MAGIC PRICES


PET STOP
For all your pet and garden needs
T: 21641250
M: 99454287
Filippu Farrugia Street,
Żurrieq
(near Girls Museum)
UNDER NEW MANAGEMENT





MAIN POINT: **JESUS SAVED SAUL FROM HIS SINS AND CHOSE HIM TO SPREAD THE GOSPEL.**

© 2017 LifeWay




**Little Profit Bazaar**

**Safi**

Underwear, Women's and men's wear, Children's wear

Shoes and toys, Stationery and photocopies, Household products

**Mob: 9940 7318 - 9925 5387**

*Nixtiequ l-festa t-tajba lill-Ħalsafin kollha*




# For Domestic & Industrial Projects

All Types of Aluminium & Double Glazing
• Available in Different Colours • Automated Doors
• Insect Screens • Louvres • Skylights
• Arched Windows & Doors Blinds

*Free Advice & Quotations*

EXPRESS ALUMINIUM LIMITED

**Express Bldg, Triq l-Imdina, Żebbuġ ŻBĠ 9018**
**Tel: 21 461 078, 21 465 110 Mob: 99 595 318**
**Fax: 21 465 798 Web: www.expressaluminium.com**





# Mir-Reġistri tal-Parroċċa
(Mill-Festa l-oħra 'l hawn)

**Bdew il-Ħajja Nisranija:**
Gerome Cachia, Genevieve Bonello, Eliza Psaila, Rylee Farrugia, Carlo Cefai, Maya Aloisio, Eliza Psaila, Elise Seychell Attard, Emma Xuereb, Sophie Sheth, David Sant, Jack Boyce, Luigi Sultana Duca, Jack Paul Mangion, Maya Galea, Lucas Evin Abdilla, Amber Cutajar, Connor Camenzuli Milan, Giuseppe Attard, Liam Gerada, Ben Vella Scalpello, Kyra Piscopo, Thomas Burnell, Jake Agius, Keira Aquilina, Leyla Calleja, Celine Lorraine Montour



**NIFIRĦULHOM!**

**Għamlu l-Ewwel Tqarbina – 4 ta' Ġunju 2023:**



**Bniet:** Abdilla Leah, Belotti Elisa, Bondin Nora Julia, Borg Samantha Marie, Cachia Martina, Cassar Juliet, Delezio Katyana, Marmara Ana, Pace Liah, Polidano Julia

**Subien:** Agius Benjamin, Aquilina Liam Marley, Arnaud Hudson, Azzopardi Nicholas, Borg Luca, Busutill Nathan Paul, Cachia Abdilla Luca, Magri Logan, Mangion Diaz, Psaila Jaylen, Villarin Ethan Riley, Spiteri Matteo, Vella Alexander, Zammit Alec

**NAWGURAWLHOM!**

**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:**

Jacob Zahra Urpani ma' Daniela Micallef
Darryl-Eoin Pisani ma' Abigail Galea
Carl Cauchi ma' Jinelle Demanuele
Abdrew Paul Scerri ma' Joanne Cutajar
Carl Gatt ma' Sarah Micallef
Joseph Cassar ma' Anthea Tabone

**NAWGURAWLHOM!**



**Irċevew il-Griżma tal-Isqof – 30 ta' Ottubru 2022:**



Abdilla Andy, Bartolo Alex , Cachia Eaman, Camenzuli Soyer, Camilleri Mariah, Cutajar Luke, Dahrouj Mallia Rheyas, Darmanin Estelle, Digrioli Dima, Ellul Joseph, Farrugia Thomas, Farrugia Galea Yanah, Fenech Isaac, Formosa Carl, Grixti Luca, Leonard Liam, Magri Kristina, Micallef Denzil, Pace Jean Claude, Polidano Emma, Schembri Rihana, Sciberras Veronica, Seychell Paula, Vella Julia, Zammit Kyran, Zammit Martina

**L-ISPIRTU TA' ALLA JKABBARHOM FIH!**

**Daħlu Jistrieħu fil-Ħajja ta' Dejjem:**



Annunziato Polidano, Paul Busuttil, Donovan Zerafa, Maria Farrugia, Carmena Falzon, Mariano Agius, Joseph Cachia, Carmen Camilleri, Clayton Mangion, Paul Busuttil, Alfred Cauchi, Saveria Farrugia, Joseph Falzon, Ben Vella Scalpello, Angela Bondin, Josephine Farrugia, Consolata Farrugia, Salvina Zammit, Rita Bonnici

**NITOLBU GĦALIHOM!**



## AVVIŻ - BUKKETT LI MA JINXIFX

Napprezzaw li matul il-jiem tal-festa,
apparti li jingħataw bukketti ta' fjuri friski,
nagħmlu wkoll il-**bukkett li ma jinxifx**,
jiġifieri li jkollna persuni li jagħtu offerta
li mhux biss issebbaħ, imma li tibqa' titgawda wkoll.

Din is-sena, dan il-bukkett li ma jinxifx se jmur b'riżq l-ispejjeż, restawr tal-pulptu u restawr tal-Knisja.

Grazzi tal-ġenerożità tagħkom biex dawn l-inizjattivi nwettquhom.

# ARBURAL

### GĦALL-FESTA NISRANIJA

### Ix-xahar l-ieħor irċevejtu l-envelop tal-ARBURAL.

**Is-sehem tiegħek hu IMPORTANTI u TA' ĦTIEĠA KBIRA.**

**Tgħidx: "Kemm kellna festa sabiħa!" u ma tkunx tajt is-sehem tiegħek.**

**Ibgħat l-envelop lill-Kappillan fl-Uffiċċju Parrokkjali.**

### GRAZZI! GRAZZI! GRAZZI!

**QUDDIESA KULJUM TAGĦMEL IL-ĠURNATA ISBAĦ.**
**ĠESÙ L-ĦIN KOLLU JISTENNIENA.**

**Ħinijiet tal-Quddies**
**PARROĊĊA SAN PAWL – SAFI**

**Matul il-ġimgħa – 7:30 am u 6:30 pm;**
**Ħdud u Festi Kmandati – 6:45 am, 9:00 am;**
**Filgħaxija – 5:30 pm (fix-xitwa), 6:00 pm (fis-sajf).**





Il-Leġiju tal-fidda li sar fis-sena 2023